KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.07.2004
KUMM(2004) 474 finali

2004/0153 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

## li twaqqaf programm integrat ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim ta' tul il-ħajja

(preżentata mill-Kummissjoni)

( SEC(2004) 971 }

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. INTRODUZZJONI

1.1. F'Marzu ta' l-2004 il-Kummissjoni addottat Komunikazzjoni "Il-ġenerazzjoni ġdida ta' Programmi ta' Edukazzjoni u Taħriġ Komunitarji wara l-2006"[1] ("il-Komunikazzjoni bikrija"), b'kontinwazzjoni tal-Komunikazzjoni ta' Frar dwar "sfidi politiċi u mezzi tal-baġit għall-perjodu 2007-2013"[2]. Din indikat l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tipproponi programm ta' tagħlim għal ħajja integrat, li jinkorpora l-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ interni eżistenti kollha. L-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż ma' dan il-memorandum iwaqqaf dan il-programm.

1.2. Il-programm ta' tagħlim għal ħajja integrat jibni fuq il-programmi Socrates u Leonardo da Vinci attwali, il-programm ta' eLearning, l-inizjattiva ta' Europass, u l-azzjonijiet varji finanzjati mill-programm ta' azzjoni Komunitarju biex ikunu promossi korpi attivi fuq livell Ewropew u biex ikunu appoġġjati attivitajiet speċifiċi fl-oqsma ta' edukazzjoni u taħriġ. Iktar minn hekk, il-proramm Erasmus Mundus, li għadu kif ġie varat u jwassal sa l-2008, għandu jkun inkorporat bħala programm addizzjonali fil-Programm Integrat mill-2009.

1.3. Kif il-Komunikazzjoni bikrija uriet, dan ir-ristrutturar jirrispondi b'mod partikolari għal erbgħa fatturi:

– għall-bidliet fl-UE fejn is-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ qed isiru dejjem iktar integrati f'kuntest ta' tagħlim għal ħajja, biex jirrispondu għall-isfidi ġodda tas-soċjetà tat-tagħlim u l-bidla demografika,

– għar-rwol dejjem iżjed importanti ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ biex tinħoloq ekonomija bbażata fuq it-tagħlim kompetittiva u dinamika fl-Ewropa, u biex ikun hemm addattabiltà għall-bidla, l-iktar notevolment fil-*follow-up* għall-Kunsill Ewropew ta' Lisbona ta' l-2000, fil-proċessi ta' Bologna u Copenhagen, u fl-iżvilupp politiku konsegwenti li sar fuq livell Ewropew mindu bdew l-attwali programmi Socrates u Leonardo da Vinci,

– għall-bżonn li jkunu rinforzati s-saħħiet u jiġu indirizzati dawk li huma magħrufa bħala diskontinwitajiet u nuqqas ta' sinerġija li jirriżultaw mid-disinn iktar frammentat tal-programm attwali, kif rivelat minn evalwazzjonijiet interim ta' Socrates u Leonardo da Vinci, u mill-konsultazzjoni pubblika dwar l-għażliet għall-ġenerazzjonijiet ġodda ta' programmi, u

– għall-bżonn li jiġu simplifikati u razzjonalizzati strumenti leġislattivi Komunitarji bil-ħolqien ta' qafas integrat li fih jistgħu jiġu finanzjati varjetà wiesgħa ta' attivitajiet.

[1] COM (2004) 156 finali

[2] COM (2004) 101

Il-bqija ta' dan il-memorandum jiddeskrivi l-prinċipji fondamentali tal-proposta tal-Kummissjoni, jispjega l-karatteristiċi prinċipali ta' l-abbozz ta' Deċiżjoni, u juri kif il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità huma rispettati.

## 2. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Permezz tal-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ tagħha l-Unjoni tilħaq direttament iċ-ċittadini tagħha – m'hemmx attività Komunitarja oħra li tmiss direttament tant persuni, kull sena. Dawn jappoġġjaw ukoll l-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' l-Unjoni, u jimmotivaw individwi biex itejbu l-prattika professjonali tagħhom: fil-qosor, jgħinu l-Unjoni kollha kemm hi tilħaq il-miri ta' Lisbona. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi dawn il-bidliet li ġejjin fil-programmi attwali.

### 2.1. Programm Integrat għall-edukazzjoni u t-taħriġ

Il-Programm Integrat ser jikkonsisti f'erbgħa programmi speċifiċi: **Comenius**, għal attivitajiet ta' edukazzjoni ġenerali li jikkonċernaw skejjel sa u inkluż il-livell post-sekondarju; **Erasmus**, għal attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ avvanzat fil-livell ta' edukazzjoni terzjarja; **Leonardo da Vinci**, għall-aspetti l-oħrajn kollha ta' edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ; u **Grundtvig** għall-edukazzjoni ta' l-adulti. Barra minn hekk, il-proposta tinkorpora programm "trasversali" li jinkorpora erbgħa attivitajiet prinċipali, biex ikopru l-kwistjonijiet ta' politika msemmija diġà, u biex issir disposizzjoni speċifika għat-tagħlim tal-lingwa u attività relatata mal-ICT fejn dawn ma jaqgħux taħt il-programmi speċifiċi; u għal attività ta' disseminazzjoni iktar sostanzjali; u l-programm **Jean Monnet** biex tkun appoġġjata azzjoni relatata mal-integrazzjoni Ewropea u assoċjazzjonijiet u istituzzjonijiet Ewropej fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

L-approċċ integrat huwa ddisinnjat minn banda biex jippreserva l-kontinwità essenzjali ma' l-esperjenza tal-passat, għalhekk l-arkitettura bbażata fuq it-tipi prinċipali ta' edukazzjoni u provvista ta' taħriġ li jinstabu fl-Istati Membri kollha u ż-żamma ta' l-ismijiet tal-programmi stabbiliti, u mil-banda l-oħra biex tiżdied il-koerenza u s-sinerġija bejn il-partijiet kostitwenti tiegħu kollha, sabiex tkun permessa sensiela wiesgħa u iktar flessibbli ta' azzjonijiet biex ikunu appoġġjati b'mod iktar effiċjenti. Il-Programm Integrat għalhekk ser jikkonsisti f'azzjonijiet komuni u proċeduri mill-partijiet kollha tiegħu, u kumitat tal-programm uniku biex jiżgura koerenza komplessiva.

### 2.2. Programm iktar sostanzjali

L-effettività u l-valur miżjud ta' programmi ta' kooperazzjoni Ewropej fil-qasam ta' l-edukazzjoni u taħriġ kienu murija ripetutament. Huma jipprovdu strument għat-tixrid ta' l-innovazzjoni u prattika tajba li altrimenti kienu jibqgħu maqfula fil-fruntieri nazzjonali. L-azzjoni ta' mobilità għandha impatt pożittiv ċar mhux biss fuq l-individwi involuti, iżda wkoll fuq l-istituzzjonijiet li huma involuti magħhom. It-tipi ta' kooperazzjoni Ewropea promossi mill-programmi jikkontribwixxu għall-immodernizzar u t-titjib tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ fl-Unjoni kollha.

Fid-dawl tal-konsensus wiesgħa fuq il-valur tal-programmi, u ta' l-isfidi ġodda wara l-miri ta' Lisbona, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Programm Integrat il-ġdid għall-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jimmira għal żieda sostanzjali fil-volum u fl-effettività meta mqabbel mal-predeċessuri tiegħu.

Il-Kummissjoni irrevediet il-miri kwantifikati stabbiliti fil-Komunikazzjoni bikrija, fid-dawl tal-bidliet fl-ammonti li qed tipproponi fil-perspettiva finanzjarja ddettaljata 2007 sal-2013. Dawn il-miri huma:

– 1 minn kull 20 tifel u tifla ta' l-iskola involut fl-azzjonijiet ta' Comenius 2007-2013;

– 3 miljun student Erasmus sa' l-2011;

– 150,000 pjazzament Leonardo sa' l-2013;

– 25,000 moviment Grundtvig sa' l-2013.

Il-Kummissjoni tara dawn il-miri ambizzjużi bħala essenzjali biex il-programm ġdid ikun strument adegwat biex jappoġġja l-kisba ta' l-iktar ekonomija bbażata fuq it-tagħlim kompetittiva u dinamika sal-2010.

L-invilopp tal-baġit ser jeħtieġ espansjoni konsegwenti; l-ammont finanzjarju indikattiv propost huwa ta' € 13.620 biljun għas-7 snin tal-programm.

## 2.3. Programm iżjed sempliċi

Pressjoni għal programm iżjed sempliċi u iktar flessibbli saret mill-konsultazzjoni pubblika; mill-Istati Membri; mill-Aġenziji Nazzjonali; u mill-Kummissjoni stess fil-Komunikazzjoni tal-baġit tagħha. Għandu jkun innotat li azzjonijiet appoġġjati taħt il-proposta attwali f'xi każijiet ser ikomplu sa l-2013; u li proġetti approvati f'dik is-sena mhux ser ikunu mitmuma kollha qabel l-aħħar ta' l-2016. Id-Deċiżjoni proposta għalhekk tinkludi biss dawk id-disposizzjonijiet dwar kwistjonijiet operazzjonali li huwa essenzjali li jkunu mfassla fil-leġislazzjoni.

Is-simplifikazzjoni, madanakollu, teħtieġ iktar minn intenzjonijiet tajbin: din teħtieġ li l-ambjent leġislattiv ikun addattat; u li fejn mhux addattat id-derogi leġislattivi neċessarji għandhom jiddaħħlu. F'termini speċifiċi, dan jimplika derogi iffokati fuq ir-Regoli ta' Implimentazzjoni għar-Regolament Finanzjarju. Il-prinċipju gwida huwa l-proporzjonalità: l-obbligi amministrattivi u ta' kontabilità għandhom ikunu proporzjonali għad-daqs tal-konċessjoni. Dan jimplika iktar konsiderazzjoni, b'mod partikolari, ta' dawn l-oqsma:

– Użu ikbar ta' konċessjonijiet b'rata bażi u skali ta' kont ta' l-unità.

– Li jsiru forom ta' applikazzjoni u kuntratti iktar sempliċi.

– L-estensjoni tal-ko-finanzjament permezz ta' kontributi in natura, u l-limitu ta' l-obbligi ta' kontabilità tal-benefiċjarji f'dawn il-każijiet.

– Dokumentazzjoni simplifikata fuq il-kapaċità finanzjarja u operazzjonali tal-benefiċjarji.

Dawn is-simplifikazzjonijiet huma meħtieġa *sine qua non* jekk il-miri stabbiliti fid-deċiżjoni jridu jintlaħqu. Il-Kummissjoni għalhekk ser tippreżenta meta jmiss derogi xierqa għar-Regolamenti Finanzjarji, jew b'emendi diretti fuq ir-Regoli ta' Implimentazzjoni, jew billi tkun emendata l-proposta attwali biex ikunu inkorporati derogi mmirati speċifikament għal dan il-programm.

### 2.4. Programm iktar deċentralizzat

Il-Kummissjoni tipproponi li iktar attività għandha tkun amministrata fuq livell nazzjonali, permezz tan-network ta' Aġenziji Nazzjonali. Il-vantaġġi tagħhom jinkludu li dawn jifhmu l-kuntest nazzjonali u l-ħtiġijiet prijoritarji, u l-kapaċità li joħolqu ambjent iktar *user-friendly*.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa approprjat li l-azzjonijiet ikunu amministrati permezz ta' l-Aġenziji Nazzjonali fejn waħda jew iktar minn dawn il-kondizzjonijiet japplikaw:

- Metodu oġġettiv ta' distribuzzjoni tar-riżorsi tal-baġit bejn l-Istati Membri jista' jkun stabbilit li jirrifletti r-rata ta' okkorrenza ta' l-attività.
- L-azzjonijiet huma fuq skala żgħira jew indirizzati għal individwi, sabiex selezzjoni sħiħa fuq livell Ewropew ma tkunx dekretata.
- L-azzjonijiet jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi għall-Istati Membri individwali.

L-abbozz tad-deċiżjoni għalhekk tipproponi li l-attivitajiet li ġejjin għandhom ikunu amministrati via l-Aġenziji Nazzjonali: il-mobilità, sħubiji fuq skala żgħira bejn istituzzjonijiet, trasferiment ta' proġetti ta' innovazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u xi xogħol dwar id-disseminazzjoni u l-esplojtazzjoni ta' riżultati. Is-Sezzjoni 3 tal-Prospett Finanzjarju tispjega f'iktar dettall il-prinċipji wara l-għażla tal-metodi ta' amministrazzjoni proposti għall-programm.

## 3. ID-DISINN TAL-PROPOSTA TA' PROGRAMM

### 3.1. Titolu Wieħed: Disposizzjonijiet Ġenerali

L-Artikoli 1 u 2 jistabbilixxu l-għanijiet ġenerali u speċifiċi għall-Programm Integrat u għall-programmi speċifiċi li hemm ġo fih. Dawn huma komplementati b'għanijiet operazzjonali għal kull programm speċifiku, mogħtija f'kull kapitolu tat-Tieni Titolu.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-azzjonijiet ġeneriċi li jistgħu jinstabu fil-Programm Integrat. Din hi miżura maħsuba biex tkun massimizzata s-simplifikazzjoni u l-flessibiltà. L-anness jagħti liema azzjonijiet ser ikunu amministrati mill-Kummissjoni u liema mill-Aġenziji Nazzjonali.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-funzjonijiet tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri, notevolment b'relazzjoni ma' l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' l-Aġenziji Nazzjonali fid-dawl ta' l-obbligi tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 7 jippermetti li l-parteċipazzjoni fil-programm tkun estiża għall-Isvizzera u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

L-Artikolu 10 jistabbilixxi kumitat għall-Programm Integrat, li ser jiltaqa' f'formazzjonijiet differenti skond is-suġġett in kwistjoni. Il-Kummissjoni tipprevedi li ħames formazzjonijiet separati ser ikunu meħtieġa: waħda biex tkopri l-Programm Integrat kollu, il-programm trasversali u l-Programm Jean Monnet; u erbgħa oħrajn biex ikopru l-Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci u Grundtvig. L-Artikolu 9 jipprovdi li, skond id-Deċiżjoni ta' komitoloġija proposta, ir-rwol tal-Kumitat fil-proċess ta' selezzjoni għandu jiffoka fuq il-proċess, kriterji u baġit, iżda mhux fuq is-selezzjoni tal-proġetti individwali.

L-Artikolu 15 jipprovdi għal invilopp ta' fondi ta' € 13.620 biljun. Id-dettalji jinstabu fis-Sezzjoni B.8 ta' l-Anness. Il-figuri minimi li hemm stabbiliti jistgħu ikunu varjati mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Kumitat f'funzjoni ta' proċedura amministrattiva. Dan l-artikolu jippermetti wkoll għal massimu ta' 1% biex ikun minfuq fuq l-appoġġ għall-parteċipazzjoni ta' msieħba minn pajjiżi terzi mhux parteċipanti fis-sħubija, proġett u attivitajiet tan-network taħt il-programm.

## 3.2. Titolu Tnejn, Kapitoli Wieħed sa Erbgħa: il-programmi Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci u Grundtvig

L-erbgħa programmi settorjali, Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci u Grundtvig, huma kollha mibnija bl-istess mod.

Id-distribuzzjoni ta' l-attivitajiet bejn l-erbgħa programmi settorjali hija pjuttost differenti mill-programmi attwali; l-iktar bidla importanti hija dik li l-edukazzjoni vokazzjonali avvanzata hija trasferita minn Leonardo għall-Erasmus.

Għal kull programm settorjali, id-Deċiżjoni tispeċifika liema mill-azzjonijiet ġeneriċi definiti fl-Artikolu 5 ser ikunu disponibbli, u tistabbilixxi eżempji tal-forom prinċipali li dawk l-azzjonijiet ser jieħdu fil-kuntest tal-programmi speċifiċi. Id-dettall essenzjali biss huwa inkluż fit-test leġislattiv, u l-modi ta' implimentar tal-azzjonijiet ġeneriċi f'kull progamm deskritt fid-Deċiżjoni ma humiex esklussivi, u jippermettu li tipi oħrajn ikunu żviluppati b'konsultazzjoni mal-Kumitat jekk ikun hemm il-bżonn.

L-azzjonijiet kollha jipprovdu l-fini li l-lingwa u elementi ta' teknoloġija ġdida jkunu "*mainstreamed*". L-azzjonijiet Comenius jinkludu l-attività ta' ġemellaġġ bejn skejjel appoġġjata taħt il-programm ta' eLearning. L-azzjonijiet Erasmus, b'konsegwenza ta' l-inkorporazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali avvanzat, jinkludu l-pjazzamenti ta' studenti fl-edukazzjoni avvanzata f'intrapriżi (qabel fil-Leonardo da Vinci) u jipprevedu arranġamenti ta' moviment speċifiċi għal studenti fuq programmi ta' Masters Konġunti.

Fil-Leonardo da Vinci, l-azzjoni tal-proġetti ġiet rikostitwita fid-dawl tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni interim. Il-proġetti ser ikunu fil-parti l-kbira tagħhom amministrati via l-Aġenziji Nazzjonali u ser jiffokaw l-iktar fuq it-trasferiment ta' l-innovazzjoni f'pajjiż minn oħrajn. Azzjoni ġdida ta' sħubiji ser tikkonsisti fi proġetti fuq skala żgħira li jippermettu organizzazzjonijiet ta' taħriġ biex jikkooperaw fuq suġġetti ta' interess reċiproku. L-azzjoni ta' networks, li tappoġġja r-riflessjoni fuq livell Ewropew dwar kwistjonijiet ewlenin fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali, ġiet rinforzata ħafna.

Taħt il-Grundtvig, azzjonijiet ta' mobilità ġodda huma proposti biex jappoġġjaw il-mobilità ta' aprendisti adulti, skambji tal-persunal, assistenti Ewropej b'żieda ma' l-edukaturi adulti (l-azzjoni Grundtvig attwali ta' Socrates kienet limitata kważi esklussivament għal ta' l-aħħar).

## 3.3. Titolu Tnejn, Kapitolu Ħamsa: Il-Programm Trasversali

Il-programm trasversali jikkostitwixxi wieħed mill-ikbar innovazzjonijiet fil-Programm Integrat. Dan jipprovdi il-Komunità bi strument iktar effettiv biex issir attività li tolqot tnejn jew iktar mill-oqsma ta' attività "tradizzjonali", notevolment mill-programmi settorjali.

Il-programm trasversali huwa diviż f'erbgħa Attivitajiet Ewlenin.

Attività Ewlenija 1 hija attività ġdida fil-proposta ta' programm attwali iffokata fuq l-iżvilupp ta' politika. Din tinkorpora numru ta' azzjonijiet eżistenti bħall-Arion, żjarat Cedefop, in-network Eurydice, eċċ, u jiffokahom b'mod iktar effettiv dwar materji ta' politika ta' sinjifikat ġenerali għall-Komunità. Dan iżid proġetti ġodda, networks u azzjonijiet ta' osservazzjoi u analiżi, biex joħloq mekkaniżmu ġdid biex jgħin l-Unjoni tirrealizza x'qed titlob minnha f'termini ta' politika.

Attività Ewlenija 2 tikkomplementa l-azzjoni ta' lingwa "*mainstream*" fil-programmi settorjali. Azzjoni trasversali hija meħtieġa bħal proġetti multilaterali biex jiġu żviluppati materjali ta' tagħlim ta' lingwa u strumenti għall-ittestjar, networks ta' atturi ewlenin, web portals multilingwi, u kampanji biex titqajjem il-kuxjenza.

Attività Ewlenija 3 tiffoka fuq esperimentazzjoni bil-ġeneralizzazzjoni ta' approċċi innovattivi għat-tagħlim u t-taħriġ (e-learning) b'rispett għall-pedagoġija, servizzi, teknoloġija u kontenut.

Attività Ewlenija 4 hija attività ġdida li timmira għall-esplojtazzjoni u t-trasferiment ta' riżultati ta' proġetti tajbin f'sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fuq livell Komunitarju, nazzjonali, reġjonali u settorjali. Il-proġetti jistgħu jkunu amministrati mill-Kummissjoni jew permezz ta' l-Aġenziji Nazzjonali.

## 3.4. Titolu Tnejn, Kapitolu Sitta: il-programm Jean Monnet

Il-Programm Jean Monnet jimmira l-qasam akkademiku ta' l-integrazzjoni Ewropea u l-appoġġ meħtieġ għall-istituzzjonijiet u assoċjazzjonijiet attivi fl-edukazzjoni u t-taħriġ fuq livell Ewropew.

Il-lista ta' istituzzjonijiet li l-Kummissjoni tipproponi li tappoġġja direttament taħt dan il-programm hija limitata għal erbgħa, li huma inklużi fil-programm ta' azzjoni tal-Komunità eżistenti biex ikunu promossi korpi attivi fuq livell Ewropew u biex ikunu appoġġjati attivitajiet speċifiċi fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ. Konċessjonijiet operattivi jistgħu jiġu mogħtija lil dawn l-erbgħa istituzzjonijiet, bil-kondizzjoni li jaderixxu ma' l-obbligi kollha tar-Regolament Finanzjarju. Kif speċifikat fl-artikoli 2(3)(ċ) u 42(3) ta' din il-proposta, id-deskrizzjoni ta' dawn l-erbgħa benefiċjarji hija mingħajr preġudizzju għall-appoġġ lil istituzzjonijiet oħrajn, bħal ċentri ta' eċċellenza rikonoxxuti fuq livell Ewropew, li jistgħu wkoll jiġu mogħtija konċessjonijiet operattivi taħt din l-azzjoni, b'rispons għal sejħa għall-

proposti. Dawn l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll jipparteċipaw f'partijiet rilevanti oħrajn tal-Programm Integrat u tal-programm Erasmus Mundus, dejjem jekk dawn jaderixxu mal-kondizzjonijiet kollha li japplikaw għal dawn l-azzjonijiet, inkluż il-proċedura ta' selezzjoni. Permezz ta' dawn is-sejħiet għall-proposti il-Kummissjoni timmira inter alia biex tappoġġja l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet u assoċjazzjonijiet prinċipali attivi fuq livell Ewropew, inklużi dawk b'karatteristiċi simili għall-erba' benefiċjarji nominati, sabiex tappoġġja network ta' ċentri ta' eċċellenza Ewropej fl-Unjoni.

## 3.5. Anness finanzjarju u amministrattiv

Punti A u B1 tal-anness jiffokaw fuq id-distinzjoni bejn azzjonijiet ta' proċedura ta' Aġenzija Nazzjonali (dawk amministrati mill-Aġenziji Nazzjonali) u l-azzjoniijiet ta' proċedura tal-Kummissjoni (dawk amministrati direttament mill-Kummissjoni jew f'isimha minn Aġenzija Eżekuttiva, li jista' jkun deċiż li tingħata parti mill-funzjonijiet ta' amministrazzjoni tal-programm, skond l-Artikolu 54 tar-Regolament Finanzjarju3).

Id-Deċiżjoni tipprevedi żewġ tipi ta' proċeduri ta' Aġenzija Nazzjonali. L-ewwel waħda, attwalment applikata għall-azzjonijiet deċentralizzati kollha fis-Socrates u għall-azzjonijiet ta' moviment ta' Leonardo da Vinci, ser tkompli tkun l-iktar waħda komuni. Din tipprovdi għal Aġenziji Nazzjonali li jagħżlu benefiċjarji u jallokaw konċessjonijiet lil istituzzjonijiet ibbażati esklussivament fil-pajjiżi rispettivi tagħhom għall-użu esklussiv ta' dawn l-istituzzjonijiet. It-tieni tip, maħsuba biex tieħu post il-"Proċedura B" attwali taħt Leonardo da Vinci, tippermetti li Aġenziji Nazzjonali jagħżlu proġetti transnazzjonali jew multilaterali sħaħ u biex tiffinanzja l-parteċipazzjoni ta' l-imsieħba kollha ikkonċernati permezz tal-koordinatur, suġġett għal deċiżjoni favorevoli mill-Kummissjoni fuq il-lista qasira ta' proġetti mogħtija mill-Aġenzija.

Il-Punti B2 sa B11 ta' l-anness jikkonċernaw disposizzjonijiet finanzjarji dettaljati, assistenza teknika, u miżuri kontra l-frodi.

## 4. SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Sa fejn hi kkonċernata s-sussidjarjetà, il-programm il-ġdid ikompli, bħall-ġenerazzjonijiet tal-passat ta' azzjoni Komunitarja, jiffoka fuq il-promozzjoni u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-oqsma kollha tat-tagħim għal ħajja. Mhux jipprova jintervjeni fl-istruttura u l-kontenut tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ, iżda jiffoka fuq oqsma fejn jista' jkun iġġenerat valur miżjud Ewropew.

Sa fejn hi kkonċernata l-proporzjonalità, il-proposta hi maħsuba biex tilħaq il-massimu ta' simplifikazzjoni mhux biss fil-forma ta' l-azzjonijiet tagħha iżda fl-obbligi amministrattivi u finanzjarji tagħha, konsistenti mas-salvagwardji finanzjarji u proċedurali xierqa.

---

3 Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p.1).

2004/0153 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL**

**li twaqqaf programm integrat ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim ta' tul il-ħajja**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u l-aktar l-Artikoli 149(4) u 150(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[4],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[5],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[6],

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[7],

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 382/1999/KE[8] twaqqaf it-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni tat-taħriġ vokazzjonali tal-Komunità "Leonardo da Vinci".

(2) Id-Deċiżjoni 253/2000/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill[9] twaqqaf it-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam ta' l-edukazzjoni "Socrates".

(3) Id-Deċiżjoni 2318/2003/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill[10] waqqfet programm multi-annwali għall-integrazzjoni effettiva tat-Tekonoloġiji ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) fl-edukazzjoni u fis-sistemi ta' taħriġ fl-Ewropa (il-programm eLearning).

(4) Id-Deċiżjoni 791/2004/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill[11] waqqfet programm ta' azzjoni tal-Komunità biex imexxi 'il quddiem entitajiet li jkunu jaħdmu fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ u biex tappoġġja ħidmiet speċifiċi f'dan il-qasam.

---

4 ĠU C , , p. .
5 ĠU C , , p. .
6 ĠU C , , p. .
7 ĠU C , , p. .
8 ĠU L 146, il-11.6.1999, p.33. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 284, il-31.10.2003, p.1).
9 ĠU L 28, it-3.2.2000, p.1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 786/2004/KE (ĠU L 138, it-30.4.2004, p.7).
10 ĠU L 345, il-31.12.2003, p.9.
11 ĠU L 138, it-30.4.2004, p.31.

(5) Id-Deċiżjoni xxx/2004/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill[12] waqqfet qafas wieħed għat-trasparenza tal-kwalifiki u l-ħiliet (Europass).

(6) Id-Dikjarazzjoni ta' Bologna li kienet ġiet iffirmata mill-Ministri għall-Edukazzjoni ta' 29 pajjiż Ewropew nhar id-19 ta' Ġunju 1999, kienet waqqfet proċess intergovernattiv bl-għan li sa l-2010 dan joħloq "Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla", li tkun teħtieġ appoġġ fuq livell ta' Komunità.

(7) Il-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew f'Lisbona li saret nhar it-23 u l-24 ta' Marzu 2000 waqqfet għan strateġiku għall-Unjoni Ewropea biex din issir l-iktar ekonomija kompetittiva fid-dinja u li tkun imsejsa fuq għerf dinamiku, u li jkollha tkabbir ekonomiku sostenibbli b'aktar impjiegi u ta' kwalità aħjar kif ukoll koeżjoni soċjali akbar. Din kienet stiednet lill-Kunsill ta' l-Edukazzjoni biex jagħmel riflessjoni ġenerali fuq l-għanijiet konkreti tal-ġejjieni dwar is-sistemi ta' l-edukazzjoni, li jkunu jiffukaw fuq problemi u prijoritajiet komuni waqt li jirrispettaw id-diversità nazzjonali.

(8) Fit-12 ta' Frar 2001 il-Kunsill adotta rapport fuq l-għanijiet konkreti tal-ġejjieni fuq l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ. Fl-14 ta' Ġunju 2002 dan imbagħad adotta programm ta' ħidma dettaljat fuq l-issuktar ta' dawn l-għanijiet, waqt li għamel talba għall-appoġġ fuq livell Komunitarju.

(9) Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li saret f'Göteborg nhar il-15 u s-16 ta' Ġunju 2001 kienet qablet fuq strateġija biex ikun hemm żvilupp sostenibbli u żiedet dimensjoni ambjentali għall-proċess ta' Lisbona għax-xogħol, ir-riforma ekonomika kif ukoll il-koeżjoni soċjali.

(10) Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li saret f'Barċellona nhar il-15 u s-16 ta' Marzu 2002 kellha l-għan li sa l-2010 din tagħmel s-sistemi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ ta' l-Unjoni Ewropea bħala referenza ta' kwalità tad-dinja, u sejħet għal azzjoni biex titjieb il-maestrija tal-ħiliet bażiċi, l-aktar billi jkunu mgħallma mill-inqas żewġ lingwi barranin minn età żgħira.

(11) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni[13] u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill[14] fuq it-tagħlim ta' tul il-ħajja jaffermaw li t-tagħlim ta' tul il-ħajja għandu jissaħħaħ b'azzjonijiet u politika li jiġu żviluppati fil-qafas tal-programmi tal-Komunità f'dan il-qasam.

(12) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 fuq it-tmexxija 'il quddiem ta' kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali[15] kienet waqqfet proċess għall-kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, waqt li jkun hemm ħtieġa għall-appoġġ fuq livell Komunitarju. Id-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen, li kienet iffirmata mill-Ministri għall-Edukazzjoni ta' 31 pajjiż Ewropew nhar it-30 ta' Novembru 2002, għaqqdet l-imsieħba soċjali u l-pajjiżi kandidati għal dan il-proċess.

---

[12] ĠU ….
[13] COM (2001) 678 finali.
[14] ĠU C 163, id-09.07.2002, p.1.
[15] ĠU C 13, it-18.1.2003, p.2.

(13) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fuq il-Pjan ta' Azzjoni għall-ħiliet u l-mobbiltà[16] innutat il-ħtieġa kontinwa li tittieħed azzjoni fuq livell Ewropew biex jissaħħaħ l-għarfien tal-kwalifiki ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ.

(14) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fuq il-Pjan ta' Azzjoni li jmexxi 'l quddiem it-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika[17] waqqfet azzjonijiet biex jittieħdu fuq livell Ewropew matul il-perjodu 2004-2006 u titlob biex ikun hemm azzjoni ta' ssuktar.

(15) Ir-rapporti ta' valutazzjoni interim tal-progarammi Socrates u Leonardo da Vinci li hemm bħalissa kif ukoll il-konsultazzjoni pubblika fuq il-ġejjieni tax-xogħol tal-Komunità fl-edukazzjoni u t-taħriġ wrew il-ħtieġa b'saħħitha, u sa ċertu punt li qiegħda tikber, għall-kooperazzjoni u l-mobbiltà kontinwi f'dawn l-oqsma fuq livell Ewropew. Dawn saħqu fuq l-importanza li jinħolqu rabtiet aktar mill-qrib bejn il-programmi tal-Komunità u l-iżvilupp politiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ, urew ix-xewqa li l-azzjoni tal-Komunità tkun mibnija b'tali mod li din tkun twieġeb aħjar għall-mudell tat-tagħlim ta' tul il-ħajja, waqt li għamlu pressjoni biex ikun hemm avviċinament eħfef, aktar faċli biex jinftiehem u flessibbli biex tkun tista' titħaddem din l-azzjoni.

(16) Jista' jkun hemm aktar vantaġġi importanti bl-integrazzjoni fi programm wieħed ta' l-appoġġ tal-Komunità għall-kooperazzjoni transnazzjonali u l-mobbiltà fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ; dan jista' jwassal biex ikun hemm sinerġiji akbar bejn l-oqsma differenti ta' azzjoni, waqt li joffri aktar ħila biex ikunu appoġġjati l-iżviluppi fit-tagħlim għal tul il-ħajja, kif ukoll metodi ta' amministrazzjoni li jkunu aktar koerenti, organizzati u effiċjenti.

(17) Għalhekk, għandu jitwaqqaf Programm Integrat biex, bit-tagħlim ta' tul il-ħajja, jgħin fl-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea biex din issir soċjetà b'għerf avvanzat, li jkollha żvilupp ekonomiku sostenibbli, aktar impjiegi u li jkunu ta' kwalità aħjar, kif ukoll koeżjoni soċjali akbar.

(18) Meta wieħed iqis l-ispeċifiċitajiet ta' l-oqsma ta' l-iskejjel, l-edukazzjoni ogħla, it-taħriġ vokazzjonali u ta' l-edukazzjoni ta' l-adulti, u l-ħtieġa konsegwenti għall-azzjoni tal-Komunità biex din tkun imsejsa fuq għanijiet, għamliet ta' azzjoni u strutturi ta' organizzazzjoni mfassla għalihom, ikun xieraq li jinżammu programmi individwali fil-qafas tal-Programm Integrat immirat lejn kull wieħed minn dawn l-erba' oqsma, waqt li jsir l-aħjar użu tal-koerenza u l-komunalità ta' bejniehom.

(19) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Nibnu l-Ġejjieni Komuni Tagħna: L-Isfidi tal-Politika u l-Estimi Finanzjarji ta' l-Unjoni Mkabbra 2007-2013"[18], il-Kummissjoni waqqfet sensiela ta' miri kkwantifikati li għandhom jintlaħqu mill-ġenerazzjoni l-ġdida tal-programmi tal-Komunità dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jeħtieġu żieda sostanzjali f'ħidmiet ta' mobbiltà u sħubija.

(20) Meta wieħed iqis l-effetti tajbin tal-mobbiltà transnazzjonali fuq in-nies u fuq is-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ li kien hemm diġà, il-volum għoli ta' domanda

[16] COM (2002 )72.
[17] COM (2003) 449 finali.
[18] COM (2004) 101, pp 13-14.

għall-mobbiltà mhix milħuqa fl-oqsma kollha, u l-importanza ta' din fil-kuntest tal-mira ta' Lisbona, huwa meħtieġ li jiżdied sew il-volum ta' appoġġ għall-mobbiltà transnazzjonali fl-erba' programmi settorjali.

(21) Biex tkun tista' titwettaq il-ħtieġa li qed tiżdied biex ikunu appoġġjati ħidmiet fuq livell Ewropew biex ikunu jistgħu jintlaħqu dawn l-għanijiet ta' politika, biex ikun hemm mezz biex tkun appoġġjata l-ħidma trans-settorjali fl-oqsma tal-lingwi u l-ICT, u biex jissaħħu t-tixrid u l-użu tal-programm, ikun xieraq li l-erba' programmi jkunu kkumplementati b'wieħed trasversali.

(22) Biex tkun tista' titwettaq il-ħtieġa li qed tiżdied għall-għerf u d-djalogu fuq il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u l-iżvilupp ta' dan, huwa importanti li jkun stimulat livell ta' eċċellenza fit-tagħlim, ir-riċerka u r-riflessjoni fil-qasam billi jkunu appoġġjati istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li jkunu jispeċjalizzaw fl-istudju tal-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea, għaqdiet Ewropej fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll l-Azzjoni Jean Monnet.

(23) Huwa meħtieġ li tingħata flessibbiltà biżżejjed fit-tfassil ta' din id-Deċiżjoni biex ikun hemm aġġustamenti xierqa fl-azzjonijiet tal-Programm Integrat biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-ħtiġiet li jkunu qed jinbidlu matul il-perjodu 2007 sa l-2013, u biex ikunu evitati d-dispożizzjonijiet dettaljati li mhumiex xierqa tal-fażijiet ta' qabel tal-programmi Socrates u Leonardo da Vinci.

(24) Fil-ħidmiet kollha tagħha, il-Komunità għandha tneħħi l-inugwaljanzi kollha, waqt li tmexxi 'l quddiem l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif imfisser fl-Artikolu 3 tat-Trattat.

(25) F'żieda ma' l-Artikolu 151 tat-Trattat, il-Komunità għandha tqis fl-azzjoni tagħha aspetti kulturali taħt dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattat, l-aktar biex tkun rispettata u titmexxa 'l quddiem id-diversità tal-kulturi tagħha.

(26) Hemm ħtieġa biex titmexxa 'l quddiem ċittadinanza attiva u li tiżdied il-ġlieda kontra l-esklużjoni fl-għamliet kollha tagħha, inklużi r-razziżmu u l-ksenofobija.

(27) Il-ħtiġiet speċjali tat-tagħlim ta' persuni b'diżabbiltà għandhom ikunu indirizzati b'mod attiv.

(28) Il-pajjiżi kandidati għas-sħubija ta' l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ta' l-EFTA li huma membri taż-ŻEE jistgħu jieħdu sehem fil-programmi tal-Komunità skond il-ftehim li għandu jiġi ffirmat bejn il-Komunità u dawn il-pajjiżi.

(29) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Tessaloniki nhar id-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 kien approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju fuq il-Balkani tal-Punent, inkluż l-anness tiegħu "L-Aġenda ta' Tessaloniki għall-Balkani tal-Punent: lejn integrazzjoni Ewropea". Dan jisħaq li l-programmi tal-Komunità għandhom jinfetħu għall-pajjiżi tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fuq il-bażi ta' ftehim ta' qafas li għandhom jiġu ffirmati bejn il-Komunità u dawk il-pajjiżi.

(30) Il-Komunità u l-Konfederazzjoni Svizzera ddikjaraw il-ħsieb tagħhom li jwettqu negozjati biex itemmu ftehim f'oqsma li huma ta' interess komuni, bħalma huma l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-programmi taż-żgħażagħ tal-Komunità.

(31) Il-Programm Integrat għandu jkun immonitorjat u ssir valutazzjoni tiegħu regolarment f'kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex ikunu jistgħu jsiru l-aġġustamenti mill-ġdid, l-aktar dwar il-prijoriatjiet għall-implimentazzjoni tal-miżuri. Il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni barranija li għandha ssir minn entitajiet indipendenti u imparzjali.

(32) Ir-Riżoluzzjoni 2000/2315(INI) tal-Parlament Ewropew fuq l-implimetazzjoni tal-programm Socrates[19] ġibdet l-attenzjoni għall-proċeduri amministrattivi li huma onerużi b'mod sporprozjonat għal dawk li japplikaw għall-għajnuna taħt it-tieni fażi tal-programm.

(33) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[20] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jwaqqaf ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002[21], li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom ikunu jgħoddu waqt li jitqiesu l-prinċipji tas-sempliċità u l-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti ta' l-estimi, il-limitiazzjoni fuq in-numru ta' każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u t-tmexxija, kif ukoll il-bilanċ meħtieġ bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv marbut ma' l-użu tagħhom.

(34) Għandhom jittieħdu wkoll il-miżuri xierqa biex ikunu evitati irregolaritajiet u frodi kif ukoll dawk il-miżuri biex ikunu rkuprati fondi mitlufa, jew li jkunu tħallsu ħażin jew li jkunu ntużaw mhux kif suppost.

(35) Minħabba li l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta dwar l-għajnuna tal-kooperazzjoni Ewropea għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità ma jistgħux jintlaħqu sew mill-Istati Membri, minħabba l-ħtieġa għal sħubiji multilaterali, il-mobbiltà transnazzjonali u l-bdil ta' tagħrif fil-Komunità kollha, u għalhekk, minħabba n-natura ta' l-azzjonijiet u l-miżuri meħtieġa dawn jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(36) Din id-Deċiżjoni twaqqaf qafas finanzjarju għall-perjodu kollu tal-programm, li għandu jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità ta' l-estimi fit-tifsira tal-punt 33 tal-ftehim interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fuq id-dixxiplina ta' l-estimi u t-titjib tal-proċedura ta' l-estimi[22].

---

[19] ĠU C 293 E, it-28.02.2002, p.103.
[20] ĠU L 248, is-16.9.2002, p.1.
[21] ĠU L 357, il-31.12.2002, p.1.
[22] ĠU C 172, it-18.06.1999, p1

(37) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li twaqqaf il-proċeduri biex il-Kummissjoni tkun tista' tħaddem is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilha[23],

[23] ĠU L 184, is-17.7.1999, p.23.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

## TITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### Kapitolu I

### Il-Programm Integrat

*Artikolu 1*

### It-Twaqqif tal-Programm Integrat

1. Id-Deċiżjoni twaqqaf programm integrat għall-azzjoni tal-Komunità fil-qasam tat-tagħlim ta' tul il-ħajja, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm Integrat".

2. L-għan ġenerali tal-Programm Integrat huwa li jgħin, bit-tagħlim ta' tul il-ħajja, fl-iżvilupp tal-Komunità bħala soċjetà b'għerf avvanzat, billi jkun hemm żvilupp ekonomiku sostenibbli, aktar impjieg u li jkunu ta' kwalità aħjar kif ukoll b'koeżjoni soċjali akbar, waqt li jiżgura l-ħarsien f'waqtu ta' l-ambjent għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni. L-aktar, l-għan tiegħu huwa li jkattar il-bdil, il-kooperazzjoni u l-mobbiltà bejn is-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-Komunità biex dawn isiru punt ta' referenza tad-dinja.

3. Il-Programm Integrat għandu jkollu l-għanijiet speċfiċi li ġejjin:

(a) li jgħin fl-iżvilupp tat-tagħlim ta' kwalità ta' tul il-ħajja u li jmexxi 'l quddiem l-innovazzjoni u dimensjoni Ewropea fis-sistemi u l-prattiċi fil-qasam;

(b) li jgħin biex itejjeb il-kwalità, il-ġibda u l-aċċessibbiltà ta' l-opportunitajiet għat-tagħlim ta' tul il-ħajja li jkunu disponibbli fl-Istati Membri;

(c) li jsaħħaħ l-għajnuna tat-tagħlim ta' tul il-ħajja għas-sodisfazzjon personali, il-koeżjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva, l-ugwaljanza ta' bejn is-sessi u l-parteċipazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali;

(d) li jgħin biex jitmexxew 'il quddiem il-kreattività, il-kompetittività, it-tħaddim u t-tkabbir ta' spirtu intraprenditorjali;

(e) li jgħin biex ikun hemm aktar parteċipazzjoni fit-tagħlim ta' tul il-ħajja minn nies ta' kull età;

(f) li jmexxi 'l quddiem it-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika;

(g) li jsaħħaħ ir-rwol tat-tagħlim ta' tul il-ħajja billi joħloq sens ta' ċittadinanza Ewropea u jinkuraġġixxi t-tolleranza u r-rispett għal popli u kulturi oħrajn;

(h) li jmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni fl-assikurazzjoni ta' kwalità fl-oqsma kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa;

(i) li juża r-riżultati, prodotti ġodda u proċessi u li jibdel prattika tajba fl-oqsma li huma koperti bil-Programm Integrat.

4. Skond id-dispożizzjonijiet amministrattivi stabbiliti fl-Anness, il-Programm Integrat għandu jappoġġja u jsaħħaħ l-azzjoni li tittieħed mill-Istati Membri.

5. Kif stabbilit fl-Artikolu 2, l-għanijiet tal-Programm Integrat għandhom ikunu ssuktati bl-implimentazzjoni ta' erba' programmi settorjali, programm trasversali, u l-programm Jean Monnet, minn hawn 'il quddiem imsejħa flimkien "il-Programmi Speċifiċi".

6. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi implimentata matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. Madankollu, miżuri ta' tħejjija, inklużi deċiżjonijiet mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 9, jistgħu jiġu implimentati mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

7. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni dwar il-Programm Integrat għandhom jikkontrollaw ukoll il-Programmi Speċifiċi, li għalihom għandhom jgħoddu dispożizzjonijiet speċifiċi.

*Artikolu 2*

**Il-Programmi Speċifiċi**

1. Il-programmi settorjali għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-programm Comenius, li għandu jindirizza t-tagħlim u l-ħtiġiet tat-tagħlim ta' dawk kollha li jkunu qed jirċievu edukazzjoni pre-skolastika jew skolastika sal-livell tat-tmiem ta' l-edukazzjoni sekondarja ogħla, kif ukoll ta' l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jagħtu din l-edukazzjoni;

(b) il-programm Erasmus, li għandu jindirizza t-tagħlim u l-ħtiġiet tat-tagħlim ta' dawk kollha li jkunu qed jirċievu edukazzjoni formali ogħla u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fuq livell terzjarju, minkejja t-tul tal-kors jew il-kwalifiki tagħhom u inklużi studji dottorali, u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li joffru din l-edukazzjoni u dan it-taħriġ;

(c) il-programm Leonardo da Vinci, li għandu jindirizza t-tagħlim u l-ħtiġiet tat-tagħlim ta' dawk kollha li jkunu qed jirċievu edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inkluż it-taħriġ vokazzjonali tal-bidu u dak ta' kontinwazzjoni, għajr l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali avanzati fuq livell terzjarju, kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu jew jiffaċilitaw din l-edukazzjoni u dan it-taħriġ;

(d) il-programm Grundtvig, li għandu jindirizza t-tagħlim u l-ħtiġiet tat-tagħlim ta' dawk li jkunu qed jirċievu kull għamla ta' edukazzjoni ta' l-adulti, kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu jew jiffaċilitaw din l-edukazzjoni.

2. Il-programm trasversali għandu jkun fih l-erba' ħidmiet ewlenin li ġejjin:

(a) kooperazzjoni ta' politika fit-tagħlim ta' tul il-ħajja fil-Komunità;

(b) it-tmexxija 'l quddiem tat-tagħlim tal-lingwi;

(c) l-iżvilupp ta' kontenut ibbażat fuq l-ICT, servizzi, pedagoġiji u prattika ġodda għat-tagħlim ta' tul il-ħajja;

(d) it-tixrid u l-użu tar-riżultati ta' azzjonijiet li jkunu ġew appoġġjati taħt il-programm u l-programmi ta' qabel li huma relatati, u l-bdil ta' prattika tajba.

3. Il-programm Jean Monnet għandu jappoġġja istituzzjonijiet u ħidmiet fil-qasam ta' l-integrazzjoni Ewropea. Dan għandu jinkludi fih it-tliet ħidmiet ewlenin li ġejjin:

(a) l-Azzjoni Jean Monnet;

(b) għajnuniet ta' ħidma biex ikunu appoġġjati istituzzjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' suġġetti dwar l-integrazzjoni Ewropea;

(c) għajnuniet ta' ħidma biex ikunu appoġġjati istituzzjonijiet u għaqdiet Ewropej fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ.

4. Barra mill-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1, il-Programmi Speċifiċi għandu jkollhom dawn l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) il-programm Comenius:

   (i) li jiżviluppa l-fehim bejn iż-żgħażagħ u dawk li jaħdmu fil-qasam ta' l-edukazzjoni dwar id-diversità tal-kulturi Ewropej u l-valur tagħhom;

   (ii) li jgħin liż-żgħażagħ jiksbu l-ħiliet bażiċi tal-ħajja u l-ħiliet meħtieġa għall-iżvilupp personali, għax-xogħol fil-ġejjieni u għaċ-ċittadinanza Ewropea biex din tkun waħda attiva;

(b) il-programm Erasmus:

   (i) li jappoġġja t-twettiq ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla;

   (ii) li jsaħħaħ l-għajnuna ta' l-edukazzjoni ogħla u l-edukazzjoni vokazzjonali avanzata għall-proċess ta' innovazzjoni;

(c) il-programm Leonardo da Vinci: biex iħaffef l-adattament għat-tibdil fis-suq tax-xogħol u għall-iżvilupp ta' ħtiġiet ta' ħiliet;

(d) il-programm Grundtvig:

   (i) li jwieġeb għall-isfida edukattiva tal-popolazzjoni li qed tixjieħ fl-Ewropa;

   (ii) li jgħin biex l-adulti jkollhom toroq alternattivi biex itejbu l-għerf u l-ħiliet tagħhom;

(e) il-programm trasversali:

(i) li jmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni Ewropea fl-oqsma li jkopru żewġ programmi settorjali jew aktar;

(ii) li jmexxi 'l quddiem il-konverġenza tas-sistemi edukattivi u ta' taħriġ ta' l-Istati Membri;

(f) il-programm Jean Monnet:

(i) li jistimula t-tagħlim, ir-riċerka u ħidmiet ta' riflessjoni fil-qasam ta' l-istudji ta' l-integrazzjoni Ewropea;

(ii) li jappoġġja l-preżenza ta' sensiela xierqa ta' istituzzjonijiet u għaqdiet li jiffukaw fuq suġġetti marbuta ma' l-integrazzjoni Ewropea u fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ f'perspettiva Ewropea.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

1. "pre-skolastika" tfisser attività edukattiva li ssir qabel il-bidu ta' l-iskola primarja obbligatorja;

2. "tifel/tifla ta' l-iskola" tfisser persuna rreġġistrata f'ħila ta' tagħlim ġewwa skola;

3. "skola" tfisser l-għamliet kollha ta' istituzzjonijiet li jagħtu edukazzjoni ġenerali (tat-trabi jew pre-skolastika oħra, primarja jew sekondarja), vokazzjonali u teknika u, f'każijiet mhux tas-soltu, fil-każ ta' miżuri biex jitmexxa 'l quddiem it-tagħlim tal-lingwi, istituzzjonijiet mhux skolastiċi li jagħtu taħriġ ta' apprendistat;

4. "għalliema/staff edukattiv" tfisser persuni li, bl-obbligi tagħhom, huma involuti direttament fil-proċess edukattiv fl-Istati Membri;

5. "student" tfisser persuna rreġistrata f'istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla, minkejja l-qasam ta' l-istudju tagħha, biex tissokta studji ta' edukazzjoni ogħla li jkunu jwasslu għal grad jew diploma, sa u li jkun jinkludi l-livell ta' dottorat;

6. "istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla" tfisser:

(a) kull għamla ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla, skond il-leġislazzjoni jew il-prattika nazzjonali, li tkun toffri kwalifiki jew diplomi f'dak il-livell, minkejja kif ikunu jissejħu dawn l-istituzzjonijiet fl-Istati Membri;

(b) kull istituzzjoni li tkun tipprovdi taħriġ vokazzjonali avanzat fuq il-Klassifika Standard Internazzjonali ta' l-Edukazzjoni (ISCED) livelli 5 jew 6;

7. "Korsijiet Konġunti ta' speċjalizzazzjoni" tfisser korsjiet mogħtija minn esperti fl-edukazzjoni ogħla li:

(a) jinvolvu mill-inqas tliet istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla minn tliet Stati Membri differenti;

(b) jimplimentaw programm ta' studju li jkun jinvolvi perjodu ta' studju f'mill-inqas tnejn minn dawk it-tliet istituzzjonijiet;

(c) ikollhom fihom mekkaniżmi għall-għarfien ta' perjodi ta' studju li jkun sar f'istituzzjonijiet imsieħba li jkunu bbażati fuq, jew kumpatibbli ma', is-sistema Ewropea dwar it-trasferiment ta' kredits;

(d) iwasslu biex l-istituzzjonijiet parteċipanti jagħtu gradi konġunti, doppji jew multipli li jkunu magħrufa jew akkreditati mill-Istati Membri;

8. "taħriġ vokazzjonali tal-bidu" tfisser kull għamla ta' taħriġ vokazzjonali tal-bidu, inkluż tagħlim tekniku u vokazzjonali, edukazzjoni ta' apprendistat u dik li tkun ixxaqleb lejn dik vokazzjonali, li jkun jgħin biex tinkiseb kwalifika vokazzjonali magħrufa mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih tkun inkisbet;

9. "taħriġ vokazzjonali ta' kontinwazzjoni" tfisser kull taħriġ vokazzjonali li jkun sar minn persuna fil-Komunità matul iż-żmien li tkun għamlet taħdem;

10. "edukazzjoni ta' l-adulti" tfisser l-għamliet kollha ta' tagħlim mhux vokazzjonali għall-kbar, kemm jekk ikun ta' formali, non-formali jew informali;

11. "żjara ta' studju" tfisser żjara qasira, li tkun saret biex jiġi studjat aspett partikulari tat-tagħlim ta' tul il-ħajja fi Stat Membru ieħor, biex isir bdil ta' prattika tajba jew biex wieħed jitgħallem metodoloġija jew ħila ġdida;

12. "mobbiltà" tfisser li wieħed imur fiżikament f'pajjiż ieħor, biex iwettaq studju, esperjenza ta' xogħol, ħidma oħra ta' tagħlim jew ħidma amministrattiva relatata, u li jkun appoġġjat, kif xieraq, billi jitħejja fil-lingwa tal-pajjiż li jkun qed jilqa';

13. "tidħil" tfisser li wieħed jidħol f'intrapriża jew organizzazzjoni fi Stat Membru ieħor, appoġġjat kif xieraq bi tħejjija fil-lingwa tal-pajjiż li jkun qed jilqa', bil-ħsieb li tinkiseb ħila speċifika jew li jitjieb il-fehim tal-kultura ekonomika u soċjali tal-pajjiż ikkonċernat;

14. "unilaterali" tfisser li tkun involuta istituzzjoni waħda;

15. "bilaterali" tfisser l-involviment ta' imsieħba minn żewġ Stati Membri;

16. "multilaterali" tfisser l-involviment ta' imsieħba minn mill-inqas tliet Stati Membri. Il-Kummissjoni tista' tqis għaqdiet jew entitajiet oħrajn bi sħubija minn tliet Stati Membri jew aktar bħala multilaterali;

17. "sħubija" tfisser ftehim bilaterali jew multilaterali bejn grupp ta' istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet fi Stati Membri differenti biex iwettqu ħidmiet Ewropej konġunti fit-tagħlim ta' tul il-ħajja;

18. "*network*" tfisser it-tpoġġija formali jew informali ta' entitajiet li jkunu jaħdmu f'qasam, dixxiplina jew settur partikulari tat-tagħlim ta' tul il-ħajja;

19. “proġett” tfisser ħidma ta’ kooperazzjoni żviluppata b’mod konġunt minn grupp formali jew informali ta’ organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet;

20. “koordinatur tal-proġett” tfisser l-organizzazzjoni jew l-istituzzjoni li tkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġett minn grupp multilaterali u li tiffirma l-ftehim ta’ għajnuna mal-Kummissjoni;

21. “imsieħba tal-proġett” tfisser l-organizzazzjonijiet jew l-istituzzjonijiet għajr il-koordinatur, li jiffurmaw il-grupp multilaterali;

22. “intrapriża” tfisser l-impriżi kollha fil-qasam pubbliku jew privat minkejja l-qies, l-istat legali jew il-qasam ekonomiku tagħhom li fih jaħdmu, u l-għamliet kollha ta’ ħidmiet ekonomiċi, inkluża l-ekonomija soċjali;

23. “imsieħba soċjali” tfisser, fuq livell nazzjonali, l-organizzazzjonijiet ta’ min iħaddem u tal-ħaddiema li jkunu konformi mal-liġijiet nazzjonali u/jew prattiċi u, fuq livell ta’ Komunità, l-organizzazzjonijiet ta’ min iħaddem u tal-ħaddiema li jieħdu sehem fid-djalogu soċjali fuq livell ta’ Komunità;

24. “min jipprovdi t-tagħlim” tfisser l-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu tagħlim ta’ tul il-ħajja fil-kuntest tal-Programm Integrat, jew fil-limiti tal-Programmi Speċifiċi tiegħu;

25. “gwida u għoti ta’ pariri” tfisser sensiela ta’ ħidmiet bħalma huma t-tagħrif, l-assessjar, l-orjentazzjoni u l-parir biex min ikun qed jitgħallem ikun jista’ jagħmel l-għażla tiegħu dwar programmi ta’ edukazzjoni u taħriġ jew dwar opportunitajiet ta’ xogħol;

26. “it-tixrid u l-użu tar-riżultati” tfisser ħidmiet imfassla biex jiżguraw li r-riżultati tal-Programm Integrat u dawk ta’ qablu jkunu magħrufa, murija u implimentati kif xieraq fuq skala wiesgħa;

27. “tagħlim ta’ tul il-ħajja” tfisser l-edukazzjoni ġenerali kollha, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni non-formali u t-tagħlim informali li jkun sar tul il-ħajja, li jwassal għal titjib fl-għerf, fil-ħiliet u l-kompetenzi f’perspsttiva personali, ċivika, soċjali u/jew li tkun marbuta max-xogħol. Dan jinkludi wkoll id-dispożizzjoni ta’ servizzi ta’ għoti ta’ parir u gwida.

*Artikolu 4*

**L-Aċċess għall-Programm Integrat**

Il-Programm Integrat għandu jilħaq l-aktar:

(a) it-tfal ta’ l-iskola, l-istudenti, min ikun qed jieħu taħriġ u nies adulti li jkunu qed jitgħallmu;

(b) il-ħaddiema involuti f’kull aspett tat-tagħlim ta’ tul il-ħajja;

(c) nies li jkunu fis-suq tax-xogħol;

(d) dawk li jipprovdu t-tagħlim;

(e) il-persuni u l-entitajiet responsabbli mis-sistemi u l-politika dwar kull aspett tat-tagħlim ta' tul il-ħajja fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali;

(f) intrapriżi, imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tagħhom fuq il-livelli kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-kummerċ u l-kmamar tal-kummerċ u l-industrija;

(g) entitajiet li jipprovdu servizzi ta' gwida, għoti ta' pariri u ta' tagħrif dwar kull aspett tat-tagħlim ta' tul il-ħajja;

(h) għaqdiet li jaħdmu fil-qasam tat-tagħlim ta' tul il-ħajja, inklużi dawk ta' l-istudenti, ta' min jirċievi t-taħriġ, tfal ta' l-iskola, għalliema, ġenituri u ta' dawk l-adulti li jkunu jitgħallmu;

(i) ċentri ta' riċerka u entitajiet ikkonċernati ma' suġġetti tat-tagħlim ta' tul il-ħajja;

(j) organizzazzjonijiet li ma jagħmlux qligħ, entitajiet volontarji, organizzazzjonijiet mhux governattivi ("NGOs").

*Artikolu 5*

**L-Azzjonijiet tal-Komunità**

1. Il-Programm Integrat għandu joffri appoġġ għal dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) il-mobbiltà tan-nies li jkunu fil-qasam tat-tagħlim ta' tul il-ħajja fl-Ewropa;

(b) sħubiji bilaterali u multilaterali;

(c) proġetti multilaterali mfassla biex jitjiebu s-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ nazzjonali;

(d) proġetti unilaterali u nazzjonali;

(e) proġetti u *networks* multilaterali;

(f) osservazzjoni u stħarriġ tal-politika u s-sistemi fil-qasam tat-tagħlim ta' tul il-ħajja, it-twaqqif ta' materjal ta' referenza, inklużi stħarriġ, statistiċi, analiżi u indikaturi, azzjoni biex ikunu appoġġjati t-trasparenza u l-għarfien tal-kwalifiki u tat-tagħlim minn qabel, kif ukoll azzjoni biex tappoġġja l-kooperazzjoni fl-assikurazzjoni tal-kwalità;

(g) għajnuniet ta' ħidma biex ikunu appoġġjati ċerti spejjeż operazzjonali u amministrattivi ta' organizzazzjonijiet li jkunu jaħdmu fil-qasam kopert bil-Programm Integrat;

(h) inizjattivi oħrajn skond l-għanijiet tal-Programm Integrat ("Il-Miżuri Mehmuża").

2. L-appoġġ tal-Komunità jista' jingħata għal żjajjar ta' tħejjija dwar kull waħda mill-azzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

3. Il-Kummissjoni tista' torganizza dawn is-seminars, kollokji jew laqgħat billi dawn x'aktarx iħaffu l-implimentazzjoni tal-Programm Integrat, u twettaq azzjonijiet xierqa ta' tagħrif, pubblikazzjoni u tixrid kif ukoll il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-programm.

4. L-azzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu implimentati b'sejħat għall-proposti, b'sejħat għall-offerti, jew direttament mill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

**L-Obbligi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-Komunità msemmija fil-Programm Integrat.

2. L-Istati Membri għandhom

(a) jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tmexxija effiċjenti tal-Programm Integrat fuq livell ta' Stat Membru, bl-involviment tal-partijiet kollha ikkonċernati ma' l-aspetti kollha tat-tagħlim ta' tul il-ħajja skond il-prattika nazzjonali;

(b) iwaqqfu jew jagħżlu u jimmonitorjaw struttura xierqa għat-tmexxija kkoordinata ta' l-implimetazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-Programm Integrat fuq livell ta' Stat Membru (aġenziji nazzjonali), inkluża t-tmexxija ta' l-estimi, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[24] u l-Artikolu 38 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002[25], f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

(i) l-organizzazzjoni li titwaqqaf jew tintgħażel bħala aġenzija nazzjonali għandha jkollha personalità legali, u tkun ikkontrollata bil-liġi ta' l-Istat Membru kkonċernat. Ministeru jista' ma jingħażilx bħala aġenzija nazzjonali;

(ii) l-aġenziji nazzjonali għandhom ikollhom numru adekwat ta' ħaddiema, b'ħiliet professjonali u lingwistiċi xierqa għax-xogħol u f'ambjent ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ;

(iii) dawn għandhom ikollhom infrastruttura xierqa, l-aktar dwar l-informatika u l-komunikazzjoni;

(iv) dawn għandhom jaħdmu f'kuntest amministrattiv li jħallihom iwettqu tajjeb l-obbligi tagħhom u biex jevitaw kull kunflitt ta' interess;

---

[24] ĠU L 248, is-16.9.2002 p.1.
[25] ĠU L 357, il-31.12.2002, p.1.

(v) dawn għandhom ikunu jistgħu japplikaw regoli ta' tmexxija finanzjarja u kundizzjonijiet kuntrattwali stabbiliti fuq livell ta' Komunità;

(vi) dawn għandhom joffru garanziji finanzjarji adekwati, maħruġa preferibbilment minn awtorità pubblika, u l-ħila tat-tmexxija tagħhom għandha tkun xierqa għal-livell tal-fondi tal-Komunità li huma jkollhom imexxu;

(c) ikunu responsabbli mit-tmexxija xierqa mill-aġenziji nazzjonali msemmija fis-sotto-paragrafu (b) ta' kredits ittrasferiti lill-aġenziji nazzjonali biex ikunu appoġġjati l-proġetti, u l-aktar biex l-aġeniziji nazzjonali jirrispettaw il-prinċipji tat-trasparenza, l-ugwaljanza tat-trattament u li jkunu evitati fondi doppji ma' għejjun oħrajn tal-Komunità, kif ukoll l-obbligu li jimmonitorjaw il-proġetti u li jirkupraw il-fondi kollha li għandhom jitħallsu lura mill-benefiċjarji;

(d) jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-awditjar xieraq u s-superviżjoni finanzjarja ta' l-aġenziji nazzjonali msemmija taħt is-sotto-paragrafu (b) fuq, u l-aktar:

(i) qabel ma l-aġenzija nazzjonali tibda x-xogħol, tagħti lill-Kummissjoni l-assikurazzjonijiet meħtieġa dwar l-eżistenza, ir-rilevanza u l-operat proprju tagħha, skond ir-regoli ta' tmexxija finanzjarja tajba, dwar il-proċeduri li jitħaddmu, is-sistemi tal-kontroll, is-sistemi ta' kontabbiltà u l-proċeduri ta' l-akkwist u l-għoti ta' l-għajnuna;

(ii) ta' kull sena jipprovdu lill-Kummissjoni b'dikjarazzjoni ta' assikurazzjoni dwar il-kredibbiltà tas-sistemi finanzjarji u l-proċeduri ta' l-aġenziji nazzjonali, u l-onestà tal-kontijiet tagħhom;

(e) fil-każ ta' irregolarità, nuqqas jew frodi li jkunu imputabbli għal xi struttura nazzjonali stabbilita jew magħżula taħt is-sotto-paragrafu (b) fuq, u fejn dan iwassal il-Kummissjoni tafferma li l-aġenzija nazzjonali ma tkunx irkuprat il-fondi kollha, din l-aġenzija għandha tinżamm responsabbli għall-fondi li ma jkunux ġew irkuprati;

(f) jagħżlu fuq talba mill-Kummissjoni lil dawk li jipprovdu t-tagħlim jew l-għamliet ta' min jipprovdi t-tagħlim li għandhom jitqiesu biex ikunu eliġibbli biex jieħdu sehem fil-Programm Integrat fit-territorji rispettivi tagħhom;

(g) jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għat-tħaddim proprju tal-Programm Integrat;

(h) jieħdu miżuri biex jiżguraw li sinerġiji potenzjali ma' programmi u strumenti oħra tal-Komunità u ma' programmi rilevanti oħra li jkunu qed jitħaddmu fl-Istat Membru in kwistjoni jitwettqu fuq livell ta' Stat Membru.

3. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura

(a) it-transizzjoni bejn l-azzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-programmi ta' qabel fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim ta' tul il-ħajja u dawk li għandhom jitwettqu taħt il-Programm Integrat;

(b) il-ħarsien adekwat ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità, l-aktar bid-dħul ta' miżuri effettivi, ibbilanċjati u dissważivi, verifiki amministrattivi u penali;

(c) tagħrif xieraq, reklamar u ssuktar b'rabta ma' l-azzjonijiet appoġġjati taħt il-Programm Integrat.

*Artikolu 7*

**Il-Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi**

1. Il-Programm Integrat għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta':

(a) il-pajjiżi ta' l-EFTA li huma membri taż-ŻEE, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-Ftehim taż-ŻEE;

(b) it-Turkija u l-pajjiżi kandidati ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li jgawdu minn strateġija ta' qabel is-sħubija, skond il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fil-programmi tal-Komunità stabbiliti bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ftehim ta' Qafas u ta' Assoċjazzjoni rispettivi;

(c) il-pajjiżi Balkaniċi tal-Punent, skond id-dispożizzjonijiet li għandhom ikunu stabbiliti ma' dawn il-pajjiżi wara t-twaqqif ta' ftehim ta' qafas li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni ta' dawn fi programmi tal-Komunità;

(d) il-Konfederazzjoni Svizzera, fuq il-bażi ta' ftehim bilaterali li għandu jintemm ma' dan il-pajjiż.

2. Il-ħidma ewlenija 1 tal-programm Jean Monnet msemmija fl-Artikolu 2(3)(a) għandha tkun miftuħa għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla ta' kull pajjiż terz.

3. Pajjiżi terzi li jkunu qed jieħdu sehem fil-Programm Integrat għandhom ikunu suġġetti għall-obbligazzjonijiet kollha u għandhom iwettqu r-responsabbiltajiet kollha tagħhom stabbiliti f'din id-Deċiżjoni f'rabta ma' l-Istati Membri.

*Artikolu 8*

**Il-kooperazzjoni internazzjonali**

Taħt il-Programm Integrat, u skond l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tista' tikkoopera ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, l-aktar il-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) u l-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tal-Ġnus Magħquda (UNESCO).

## Kapitolu II

## L-Implimentazzjoni tal-Programm Integrat

*Artikolu 9*

### Il-Miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Programm Integrat dwar il-materji li ġejjin għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni, skond il-proċedura ta' tmexxija msemmija fl-Artikolu 10(2):

   (a) il-pjan ta' xogħol ta' kull sena;

   (b) l-estimi ta' kull sena u l-firxa tal-fondi bejn il-Programmi Speċifiċi;

   (c) l-arranġamenti biex tkun żgurata konsistenza interna fil-Programm Integrat;

   (d) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Integrat u għat-tixrid u t-trasferiment tar-riżultati;

2. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-materji kollha fit-Titolu I, għajr dawk speċifikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10(3).

*Artikolu 10*

### Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jgħoddu, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 miġjuba fiha.

   Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahrejn.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragarfu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jgħoddu, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 miġjub fiha.

4. Il-Kumitat għandu jadotta ir-regoli tiegħu tal-proċedura.

5. L-Istati Membri jistgħu ma jkunux irrappreżentati minn persuni li jkunu jaħdmu fl-, jew li jkunu responsabbi mill-, aġenziji msemmija fl-Artikolu 6(2)(b).

*Artikolu 11*

**L-Imsieħba soċjali**

1. Kulmeta l-Kumitat ikun ikkonsultat fuq kull materja dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni b'rabta ma' l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ir-rappreżentanti ta' l-imsieħba soċjali, maħtura mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-proposti mill-imsieħba soċjali Ewropej, jistgħu jieħdu sehem fix-xogħol tal-Kumitat bħala osservaturi. In-numru ta' dawn l-osservaturi għandu jkun ugwali għan-numru ta' rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

2. Dawn l-osservaturi għandu jkollhom id-dritt li jitolbu biex il-pożizzjoni tagħhom tiġi rreġistrata fil-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat.

*Artikolu 12*

**Punti orizzontali**

Fl-implimentazzjoni tal-Programm Integrat, għandha tingħata l-attenzjoni meħtieġa biex ikun żgurat li dan ikun jgħin b'mod sħiħ biex isaħħaħ il-politika orizzontali tal-Komunità, l-aktar billi:

(a) jitmexxa 'l quddiem l-għarfien ta' l-importanza tad-diversità kulturali u l-preżenza ta' bosta kulturi fl-Ewropa, kif ukoll il-bżonn biex ikunu miġġielda r-razziżmu u l-ksenofobija;

(b) issir dispożizzjoni għal dawk il-persuni bi bżonnijiet speċjali li qed jitgħallmu, u l-aktar billi titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni ta' dawn fit-taqsim ewlieni ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ;

(c) jitmexxa 'l quddiem l-għarfien ta' l-importanza li dan jgħin fi żvilupp ekonomiku sostenibbli;

(d) titmexxa 'l quddiem l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u billi dan jgħin biex ikunu miġġielda l-għamliet kollha ta' diskriminazzjoni bbażata fuq sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew xejra sesswali.

*Artikolu 13*

**Azzjonijiet konġunti**

Bħala parti mill-proċess biex tinbena Ewropea ta' għerf, l-azzjonijiet appoġġjati taħt il-Programm Integrat jistgħu jiġu implimentati skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 10(2) b'mod konġunt ma' programmi u azzjonijiet relatati tal-Komunità, l-aktar dawk fil-qasam tal-kultura, il-media, iż-żgħażagħ, ir-riċerka u l-iżvilupp, ix-xogħol, l-intrapriża, l-ambjent u t-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

*Artikolu 14*

**Il-Konsistenza u l-kumplementarjetà**

1. Il-Kummissjoni għandha, flimkien ma' l-Istati Membri, tiżgura l-konsistenza ġenerali u l-kumplementarjetà mal-politika, l-istrumenti u l-azzjonijiet rilevanti tal-Komunità, l-aktar mal-Fond Soċjali Ewropew, ma' l-azzjonijiet ta' riżorsi umani u tal-mobbiltà tal-Programm ta' Qafas tal-Komunità fir-riċerka u l-iżvilupp, u mal-programm statistiku tal-Komunità. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm rabta effiċjenti bejn il-Programm Integrat u l-programmi u l-azzjonijiet fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ li jkunu twettqu fil-qafas ta' l-istrumenti tal-Komunità ta' qabel is-sħubija, aktar kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti.

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Kumitat mgħarraf regolarment dwar kull inizjattivi rilevanti oħrajn tal-Komunità li jkunu ttieħdu fil-qasma ta' l-edukazzjoni ta' tul il-ħajja, inkluża l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

3. Fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet taħt il-Programm Integrat, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iqisu l-prijoritajiet stabbiliti fil-linjigwidi tax-xogħol adottati mill-Kunsill, bħala parti minn strateġija kkoordinata dwar ix-xogħol.

4. Fi sħubija ma' imsieħba soċjali Ewropej, il-Kummissjoni għandha tistinka biex tiżviluppa koordinazzjoni xierqa bejn il-Programm Integrat u d-djalogu soċjali fuq livell ta' Komunità, inkluż fuq livelli settorjali.

5. Fl-implimentazzjoni tal-Programm Integrat, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-għajnuna, kif inhu xieraq, taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) fl-oqsma relatati mal-kompetenzi tiegħu u skond l-arranġamenti stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 337/75 tal-Kunsill[26]. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni tista' wkoll tiżgura l-appoġġ tal-Fundazzjoni Ewropea tat-Taħriġ fl-għan tal-mandat tagħha u skond l-arranġamenti stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90[27].

6. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Kumitat Konsultattiv fuq it-Taħriġ Vokazzjonali mgħarraf regolarment fuq il-progress rilevanti taħt il-Programm Leonardo da Vinci.

---

[26] ĠU L 39, it-13.2.1975.
[27] ĠU L 131, it-23.5.1990, p.1.

## Kapitolu III

## Id-Dispożizzjonijiet finanzjarji - Valutazzjoni

*Artikolu 15*

### L-Iffinanzjar

1. Il-qafas finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm Integrat qed jiġi stabbilit hawnhekk għal 13,620 miljun Ewro. Minn din is-somma, l-ammonti li għandhom jingħataw lill-programmi Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci u Grundtvig m'għandhomx ikunu anqas milli kif ġie stabbilit fil-punt B.8 ta' l-Anness. Dawk l-ammonti jistgħu jiġu emendati mill-Kummissjoni skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 10(2).

2. Sa 1% ta' l-estimi tal-Programm Integrat jistgħu jintużaw biex jappoġġjaw il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet ta' sħubija, proġetti u *networks*, li jiġu organizzati taħt il-Programm Integrat, ta' imsieħba minn pajjiżi terzi li ma jieħdux sehem fil-Programm Integrat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7.

3. L-approprijazzjonijiet ta' kull sena għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità ta' l-estimi fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja.

*Artikolu 16*

### Il-Monitoraġġ u l-valutazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-Programm Integrat flimkien ma' l-Istati Membri. Dan il-monitoraġġ għandu jinkludi r-rapporti msemmija fil-paragrafu 4 u ħidmiet speċifiċi.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel arranġamenti biex ikun hemm valutazzjonijiet indipendenti barranin tal-Programm Integrat; dawn għandhom isiru fuq bażi regolari.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju 2010 u t-30 ta' Ġunju 2015 rispettivament, ir-rapporti ta' l-implimetazzjoni u l-impatt tal-Programm Integrat.

4. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni:

   (a) rapport ta' valutazzjoni interim fuq ir-riżultati miksuba u fuq l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Programm Integrat sal-31 ta' Marzu 2011,

   (b) komunikazzjoni fuq il-kontinwazzjoni tal-Programm Integrat sal-31 ta' Diċembru 2011,

   (c) rapport ta' valutazzjoni *ex post* sal-31 ta' Marzu 2016.

## TITOLU II

## IL-PROGRAMMI SPEĊIFIĊI

### Kapitolu I

### Il-Programm Comenius

*Artikolu 17*

**L-Aċċess għall-programm Comenius**

Fil-qafas tal-Programm Integrat, il-programm Comenius huwa maħsub għal:

(a) tfal ta' l-iskola f'edukazzjoni preskolastika u skolastika sat-tmiem ta' l-edukazzjoni sekondarja ogħla;

(b) skejjel, kif speċifikat mill-Istati Membri;

(c) tagħlim, ħaddiema ta' appoġġ u ta' l-amministrazzjoni f'dawk l-iskejjel;

(d) għaqdiet u rappreżentanti ta' dawk involuti fl-edukazzjoni ta' l-iskola;

(e) organizzazzjonijiet pubbliċi u privati responsabbli mill-organizzazzjoni u t-tqassim ta' l-edukazzjoni fuq livelli lokali, reġjonali u nazzjonali;

(f) ċentri ta' riċerka u entitajiet ikkonċernati ma' suġġetti li jolqtu t-tagħlim ta' tul il-ħajja;

(g) istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla.

*Artikolu 18*

**L-Għanijiet tat-tħaddim**

Barra l-għanijiet tal-Programm Integrat stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2, l-għanijiet tat-tħaddim tal-programm Comenius għandhom ikunu:

(a) li jżid il-volum u jtejjeb il-kwalità ta' bdil li jinvolvi tfal ta' l-iskola u għalliema fi Stati Membri differenti;

(b) li jżid il-volum u jtejjeb il-kwalità tas-sħubiji bejn l-iskjjel fi Stati Membri differenti, biex jinvolvi mill-inqas tifel/tifla wieħed/waħda ta' l-iskola minn għoxrin f'ħidmiet edukattivi konġunti matul il-perjodu tal-programm;

(c) li jinkuraġġixxi t-tagħlim tat-tieni lingwa barranija;

(d) li jsaħħaħ il-kwalità u d-dimensjoni Ewropea tat-taħriġ ta' l-għalliema;

(e) li jtejjeb l-avviċinamenti pedagoġiċi u t-tmexxija ta' l-iskejjel.

*Artikolu 19*

**L-Azzjonijiet**

1. L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu appoġġjati bil-programm Comenius:

(a) il-mobbiltà ta' individwi kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a). Fl-arranġamenti jew fl-appoġġ għal din il-mobbiltà, għandhom ikunu adottati l-miżuri ta' tħejjija meħtieġa waqt li tittieħed l-attenzjoni kollha biex ikunu żgurati s-superviżjoni u l-appoġġ adekwati għal dawk it-tfal u żgħażagħ li jkunu f'mobbiltà. Din il-mobbiltà tista' tinkludi:

(i) bdil ta' tfal ta' l-iskola u staff;

(ii) l-attendenza fi skejjel jew f'impriżi barra mill-pajjiż ta' tfal ta' l-iskola jew għalliema;

(iii) il-parteċipazzjoni f'korsijiet ta' taħriġ għall-għalliema;

(iv) studju u żjajjar ta' tħejjija għall-ħidmiet ta' mobbiltà, sħubija, proġett jew *network*;

(v) għajnuna għall-għalliema jew għalliema-studenti.

(b) l-iżvilupp ta' sħubiji msemmija fl-Artikolu 5(1)(b) bejn l-iskejjel ("is-sħubiji Comenius"), bil-ħsieb li jiġu żviluppati proġetti ta' tagħlim konġunti bejn it-tfal ta' l-iskola;

(c) proġetti ta' kooperazzjoni multilaterali kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e). Dawn jistgħu jinkludu proġetti maħsuba għal:

(i) l-iżvilupp, it-tmexxija 'l quddiem u t-tixrid ta' metodi jew materjali ġodda ta' tagħlim;

(ii) l-iżvilupp jew il-bdil ta' esperjenza fuq sistemi li jipprovdu tagħrif jew gwida li jkunu adattati l-aktar għal dawk il-persuni kkonċernati li jkunu qed jitgħallmu bil-programm Comenius;

(iii) l-iżvilupp, it-tmexxija 'l quddiem u t-tixrid ta' korsijiet ġodda jew ta' kontenut ta' korsijiet ta' taħriġ għall-għalliema li jkun ġdid;

(d) *networks* kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e). Dawn jistgħu jinkludu *networks* maħsuba għal:

(i) l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni fid-dixxiplina jew fil-qasam tas-suġġett li dawn ikunu jaħdmu, għall-ġid tagħhom jew għall-edukazzjoni aktar wiesgħa;

(ii) l-akkwist u t-tixrid ta' prattika tajba rilevanti u l-innovazzjoni;

(iii) li jkun hemm appoġġ ta' kontenut għall-proġetti u s-sħubiji stabbiliti minn oħrajn;

(iv) il-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' analiżi ta' ħtiġiet u l-applikazzjoni prattika tagħha fl-edukazzjoni ta' l-iskola;

(e) inizjattivi oħrajn maħsuba għall-promozzjoni ta' l-għanijiet tal-programm Comenius kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(g) ("Il-Miżuri Mehmuża").

2. Id-dettalji tat-tħaddim ta' l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2).

*Artikolu 20*

**L-Estimi**

Mhux inqas minn 85% ta' l-estimi disponibbli għall-programm Comenius għandhom jingħataw biex jappoġġjaw il-mobbiltà kif hemm imsemmi fl-Artikolu 19(1)(a) u s-sħubiji tal-Comenius kif stabbilit fl-Artikolu 19(1)(b).

*Artikolu 21*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Comenius u li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-materji li ġejjin għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura tat-tmexxija msemmija fl-Artikolu 10(2):

(a) il-pjan ta' xogħol ta' kull sena;

(b) l-estimi ta' kull sena u l-firxa tal-fondi bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm Comenius;

(c) il-linjigwidi ġenerali għall-implimentazzjoni tal-programm Comenius, il-kriterji ta' l-għażla u l-proċeduri;

(d) il-firxa tal-fondi fost l-Istati Membri għall-azzjonijiet biex jitmexxew skond "il-proċedura ta' l-aġenzija Nazzjonali" stabbilita fl-Anness;

(e) l-arranġamenti għal u l-valutazzjoni tal-programm u għat-tixrid u t-trasferiment tar-riżultati.

2. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Comenius li għandhom x'jaqsmu mal-materji kollha għajr dawk speċifikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10(3).

## Kapitolu II

## Il-Programm Erasmus

*Artikolu 22*

### L-Aċċess għall-programm Erasmus

Fil-qafas tal-Programm Integrat, il-programm Erasmus huwa maħsub għal:

(a) studenti u persuni li jkunu qed jieħdu taħriġ li jkunu qed isegwu f'kull għamla ta' edukazzjoni ogħla u edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali avanzati (ISCED livelli 5 u 6);

(b) istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, kif speċifikat mill-Istati Membri;

(c) għalliema u ħaddiema amministrattivi f'dawk l-istituzzjonijiet;

(d) għaqdiet u rappreżentanti ta' dawk involuti fl-edukazzjoni ogħla, inklużi l-għaqdiet rilevanti ta' studenti, ta' l-università, u ta' l-għalliema/min jagħti t-taħriġ;

(e) impriżi, imsieħba soċjali u rappreżentanti oħrajn tal-ħajja tax-xogħol;

(f) organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati li huma responsabbli mill-organizzazzjoni u t-twassil ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fuq livelli lokali u reġjonali;

(g) ċentri ta' riċerka jew entitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' suġġetti li jolqtu t-tagħlim ta' tul il-ħajja.

*Artikolu 23*

### L-Għanijiet tat-tħaddim

Barra mill-għanijiet tal-Programm Integrat stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2, l-għanijiet tat-tħaddim tal-programm Erasmus għandhom ikunu:

(a) li jiżdied il-volum u titjieb il-kwalità tal-mobbiltà ta' l-istudenti u l-għalliema fl-Ewropa, biex din twassal li sas-sena 2011 ikun hemm mill-inqas 3 miljun ruħ li jkunu ħadu sehem f'mobbiltà ta' studenti taħt il-programm Erasmus u l-programmi ta' qablu;

(b) li jiżdied il-volum u titjieb il-kwalità tal-kooperazzjoni multilaterali bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla fl-Ewropa;

(c) li jiżdied il-grad ta' konverġenza tal-kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla u ta' edukazzjoni vokazzjonali avanzata li jkunu nkisbu fl-Ewropa;

(d) li titkattar il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u l-intrapriżi.

*Artikolu 24*

**L-Azzjonijiet**

1. L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu appoġġjati bil-programm Erasmus:

(a) Il-mobbiltà ta' l-individwi kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a). Din il-mobbiltà tista' tinkludi:

(i) il-mobbiltà ta' studenti għal studji jew taħtiġ barra f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, kif ukoll it-tidħil ta' dawn f'intrapriżi, ċentri ta' taħriġ jew organizzazzjonijiet oħrajn;

(ii) il-mobbiltà ta' għalliema f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla biex jgħallmu jew jirċievu taħriġ f'istituzzjoni msieħba barra;

(iii) il-mobbiltà ta' ħaddiema oħrajn f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u ta' ħaddiema ta' intrapriżi biex ikunu mħarrġa jew jgħallmu;

(iv) programmi intensivi ta' l-Erasmus organizzati fuq bażi multilaterali.

Jista' jingħata wkoll appoġġ lil dawk l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla tal-pajjiż jew li qed jilqgħu għal azzjoni biex tkun żgurata l-kwalità fl-istadji kollha ta' l-arranġamenti tal-mobbiltà, inkluża t-tħejjija tal-lingwa.

(b) proġetti konġunti kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), li jiffukaw *inter alia* fuq l-innovazzjoni u l-proċess ta' esperimenti fl-oqsma msemmija fl-għanijiet speċifiċi u tat-tħaddim;

(c) *networks* kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e) immexxija minn konsorzja ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u li jkunu jirrappreżentaw dixxiplina jew qasam ta' bejn dixxiplini diversi, ("in-*networks* tematiċi Erasmus") li jkollhom l-għan jiżviluppaw kunċetti u ħiliet ta' tagħlim ġodda. Dawn in-*networks* jistgħu jinkludu wkoll rappreżentanti minn entitajiet pubbliċi oħrajn jew minn intrapriżi jew għaqdiet;

(d) inizjattivi oħrajn li jkollhom l-għan li jmexxu 'l quddiem l-għanijiet tal-programm Erasmus, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(g) ("Il-Miżuri Mehmuża").

2. Il-persuni li jkunu qed jieħdu sehem fil-mobbiltà taħt il-paragrafu 1(a)(i) ("studenti ta' l-Erasmus") għandhom ikunu:

(a) studenti f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li, wara li jkunu lestew mill-inqas l-ewwel sena ta' studju tagħhom, iqattgħu perjodu ta' studju fi Stat Membru ieħor fil-qafas ta' l-Azzjoni tal-mobbiltà tal-programm Erasmus, minkejja jekk ikunux ingħataw appoġġ finanzjarju taħt dak il-programm. Dawn il-perjodi għandhom ikunu magħrufa b'mod sħiħ taħt il-ftehim

interistituzzjonali bejn l-istituzzjoni li qed tibgħat u dik li qed tilqa'. L-istituzzjonijiet li qed jilqgħu m'għandhom jitolbu l-ebda miżati għat-tagħlim li dawn l-istudenti jkunu qed jirċievu;

(b) studenti li jkunu rreġistrati fi programmi Konġunti ta' Speċjalizzazzjoni f'pajjiż għajr dak li fih dawn ikunu kisbu il-grad tal-bakkalawrjat tagħhom;

(c) studenti f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li jkunu qed jieħdu sehem f'tidħil f'impriżi jew f'ċentri ta' taħriġ.

3. Id-dettalji tat-tħaddim ta' l-azzjonijiet stabbiliti fil-pargrafu 1 għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2).

*Artikolu 25*

**L-Estimi**

Mhux inqas minn 85% ta' l-estimi disponibbli għall-programm Erasmus għandhom jingħataw biex tkun appoġġjata l-mobbiltà msemmija fl-Artikolu 24(1)(a).

*Artikolu 26*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Erasmus dwar il-materji li ġejjin għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura tat-tmexxija msemmija fl-Artikolu 10(2):

(a) il-pjan ta' xogħol ta' kull sena;

(b) l-estimi ta' kull sena u l-firxa tal-fondi bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm Erasmus;

(c) il-linjigwidi ġenerali għall-implimentazzjoni tal-programm Erasmus, il-kriterji ta' l-għażla u l-proċeduri;

(d) il-firxa tal-fondi fost l-Istati Membri għall-azzjonijiet li għandhom jitmexxew bil-"proċedura ta' l-aġenzija Nazzjonali" stabbilita fl-Anness;

(e) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-programm u għat-tixrid u t-trasferiment tar-riżultati.

2. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Erasmus dwar il-materji kollha għajr dawk speċifikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10(3).

## Kapitolu III

## Il-Programm Leonardo da Vinci

*Artikolu 27*

### L-Aċċess għall-programm Leonardo da Vinci

Fil-qafas tal-Programm Integrat, il-programm Leonardo da Vinci huwa maħsub għal:

(a) żgħażagħ li qed isegwu tagħlim fl-għamliet kollha ta' edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ sat-tmiem ta' l-edukazzjoni sekondarja ogħla (sa ISCED livell 3);

(b) persuni li jkunu qed jirċievu tagħlim f'edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kontinwazzjoni (ISCED livell 4);

(c) nies li jkunu fis-suq tax-xogħol;

(d) dawk li jipprovdu t-tagħlim fl-oqsma koperti bil-programm Leonardo da Vinci;

(e) għalliema u ħaddiema ta' l-amministrazzjoni li jkunu fost dawk li jipprovdu t-tagħlim;

(f) għaqdiet u rappreżentanti ta' dawk involuti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inklużi għaqdiet ta' min iħarreġ, ġenituri u għalliema;

(g) intrapriżi, imsieħba soċjali u rappreżentanti oħrajn tal-ħajja tax-xogħol, inklużi kmamar tal-kummerċ u organizzazzjonijiet kummerċjali oħrajn;

(h) entitajiet li jipprovdu servizzi ta' gwida, pariri u tagħrif fuq kull aspett tat-tagħlim ta' tul il-ħajja;

(i) persuni u entitajiet li jkunu responsabbli minn sistemi u politika li jikkonċernaw kull aspett tat-tagħlim ta' tul il-ħajja fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali;

(j) ċentri ta' riċerka u entitajiet marbuta ma' suġġetti li jolqtu t-tagħlim ta' tul il-ħajja;

(k) organizzazzjonijiet li ma jagħmlux qligħ, entitajiet volontarji, NGOs.

*Artikolu 28*

### L-Għanijiet tat-tħaddim

Barra l-għanijiet tal-Programm Integrat stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2, l-għanijiet tat-tħaddim tal-programm Leonardo da Vinci għandhom ikunu:

(a) li jiżdied il-volum u titjieb il-kwalità tal-mobbiltà fl-Ewropa tal-persuni li jkunu involuti f'edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali tal-bidu u f'taħriġ ta'

kontinwazzjoni, biex jiżdied it-tidħil f'intrapriżi għal mill-inqas 150,000 ruħ kull sena sat-tmiem tal-Programm Integrat;

(b) li jiżdied il-volum u titjieb il-kwalità tal-kooperazzjoni bejn dawk li jipprovdu t-tagħlim, l-intrapriżi, l-imsieħba soċjali u entitajiet rilevanti oħrajn fl-Ewropa;

(c) li jitħaffef l-iżvilupp ta' prattiċi ġodda fl-oqsma ta' taħriġ tal-bidu u ta' kontinwazzjoni u t-trasferiment tagħhom, inkluż minn pajjiż parteċipant għal ieħor;

(d) li jitjiebu t-trasparenza u l-għarfien tal-kwalifiki u l-ħiliet, inklużi dawk li jkunu nkisbu minn tagħlim non-formali jew informali.

*Artikolu 29*

**L-Azzjonijiet**

1. L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu appoġġjati bil-programm Leonardo da Vinci:

(a) Il-mobbiltà ta' individwi, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a). Fl-arranġamenti għal jew biex tkun appoġġjata l-organizzazzjoni ta' din il-mobbiltà, għandhom ikunu adottati l-miżuri ta' tħejjija meħtieġa waqt li tingħata l-attenzjoni kollha biex ikun żgurat li jkun hemm superviżjoni u appoġġ adekwati għal dawk il-persuni li jkunu f'mobbiltà. Din il-mobbiltà tista' tinkludi:

(i) għoti transnazzjonali ta' karigi f'intrapriżi jew f'istituzzjonijiet ta' taħriġ;

(ii) tidħil jew bdil immirat għal min iħarreġ, *counsellors* tal-gwida, għal dawk li huma responsabbli mill-istituzzjonijiet ta' taħriġ u mill-ippjanar tat-taħriġ u l-gwida tal-karriera fl-intrapriża, biex dawn ikunu jistgħu jingħataw aktar żvilupp professjonali;

(b) sħubiji, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(b), li jkunu jiffukaw fuq suġġetti ta' interess reċiproku għall-organizzazzjonijiet li jkun qed jieħdu sehem;

(c) proġetti multilaterali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(c), l-aktar dawk maħsuba biex itejbu sistemi ta' taħriġ bit-trasferiment ta' l-innovazzjoni li jkun jinvolvi l-adattament lingwistiku, kulturali u legali għall-bżonnijiet nazzjonali ta' prodotti u proċessi ġodda li jkunu ġew żviluppati f'kuntesti differenti;

(d) proġetti multilaterali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), maħsuba biex itejbu sistemi ta' taħriġ bl-iżvilupp u t-trasferiment ta' prattika ġdida u tajba;

(e) *networks* tematiċi ta' esperti u organizzazzjonijiet, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), li jkunu jaħdmu fuq punti speċifiċi marbuta ma' l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

(f) inizjattivi oħrajn maħsuba biex imexxu 'l quddiem l-għanijiet tal-programm Leonardo da Vinci, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(g) ("Il-Miżuri Mehmuża").

2. Id-dettalji tat-tħaddim ta' dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu deċiżi wara l-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2).

*Artikolu 30*

**L-Estimi**

Mhux inqas minn 75% ta' l-estimi disponibbli għall-programm Leonardo da Vinci għandhom jingħataw biex jappoġġjaw il-mobbiltà msemmija fl-Artikolu 29(1)(a).

*Artikolu 31*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Leonardo da Vinci dwar il-materji li ġejjin għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' tmexxija msemmija fl-Artikolu 10(2).

   (a) il-pjan ta' xogħol ta' kull sena;

   (b) l-estimi ta' kull sena u l-firxa tal-fondi bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm Leonardo da Vinci;

   (c) il-linjigwidi ġenerali għall-implimentazzjoni tal-programm Leonardo da Vinci, il-kriterji ta' l-għażla u l-proċeduri;

   (d) il-firxa tal-fondi fost l-Istati Membri għall-azzjonijiet li għandhom jitmexxew bil-"proċedura ta' l-aġenzija Nazzjonali" stabbilita fl-Anness;

   (e) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-programm u għat-tixrid u t-trasferiment tar-riżultati.

2. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Leonardo da Vinci dwar il-materji kollha għajr dawk speċifikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10(3).

## Kapitolu IV

## Il-Programm Grundtvig

*Artikolu 32*

### L-Aċċess għall-programm Grundtvig

Fil-qafas tal-Programm Integrat, il-programm Grundtvig huwa maħsub għal:

(a) persuni adulti li jkunu qed jirċievu tagħlim;

(b) dawk li jipprovdu t-tagħlim fl-edukazzjoni ta' l-adulti;

(c) għalliema u ħaddiema ta' l-amministrazzjoni f'organizzazzjonijiet li jipprovdu t-tagħlim u f'oħrajn li jkunu involuti fl-edukazzjoni ta' l-adulti;

(d) stabbilimenti involuti fit-taħriġ tal-bidu jew f'taħriġ ieħor għall-ħaddiema ta' l-edukazzjoni ta' l-adulti;

(e) għaqdiet u rappreżentanti ta' dawk involuti fl-edukazzjoni ta' l-adulti, inklużi għaqdiet ta' min iħarreġ u għalliema;

(f) entitajiet li jipprovdu servizzi ta' gwida, pariri u tagħrif dwar kull aspett ta' l-edukazzjoni ta' l-adulti;

(g) persuni u entitajiet responsabbli minn sistemi u politika dwar kull aspett ta' l-edukazzjoni ta' l-adulti fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali;

(h) ċentri ta' riċerka u entitajiet ikkonċernati ma' suġġetti li jolqtu l-edukazzjoni ta' l-adulti;

(i) intrapriżi;

(j) organizzazzjonijiet li ma jagħmlux qligħ, entitajiet volontarji, NGOs;

(k) istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla.

*Artikolu 33*

### L-Għanijiet tat-tħaddim

Barra l-għanijiet tal-Programm Integrat stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2, l-għanijiet tat-tħaddim tal-programm Grundtvig għandhom ikunu:

(a) li jiżdied il-volum u titjieb il-kwalità tal-mobbiltà fl-Ewropea ta' persuni li jkunu involuti fl-edukazzjoni ta' l-adulti, biex tkun appoġġjata l-mobbiltà ta' mill-inqas 25,000 ruħ kull sena sas-sena 2013;

(b) li jiżdied il-volum u titjieb il-kwalità tal-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet li jkunu involuti fl-edukazzjoni ta' l-adulti fl-Ewropa;

(c) li jitħaffef l-iżvilupp ta' prattiċi ġodda fl-edukazzjoni ta' l-adulti u t-trasferiment ta' dawn, inkluż minn pajjiż parteċipant għal ieħor;

(d) li jkun żgurat li persuni minn gruppi soċjali vulnerabbli u f'kuntesti soċjali marġinali, l-aktar dawk li jkunu ħallew l-edukazzjoni mingħajr ma jkunu kisbu kwalifiki bażiċi, jingħataw opportunitajiet oħrajn biex ikollhom aċċess għall-edukazzjoni ta' l-adulti;

(e) li jitjiebu avviċinamenti pedagoġiċi u t-tmexxija ta' l-organizzazzjonijiet ta' edukazzjoni għall-adulti.

*Artikolu 34*

**L-Azzjonijiet**

1. L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu appoġġjati bil-programm Grundtvig:

(a) il-mobbiltà ta' persuni, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a). Fl-arranġament għal din il-mobbilità jew biex organizzazzjoni tkun appoġġjata għal din il-mobbiltà, għandhom ikunu adottati l-miżuri ta' tħejjija meħtieġa waqt li tingħata l-attenzjoni kollha biex ikun żgurat li jkunu hemm superviżjoni u appoġġ adekwat għall-persuni li jkunu f'mobbiltà. Din il-mobbiltà tista' tinkludi tidħil, għajnuna u bdil għall-parteċipanti fl-edukazzjoni informali u non-formali ta' l-adulti, inklużi t-taħriġ u l-iżvilupp professjonali tal-ħaddiema involuti fl-edukazzjoni ta' l-adulti.

(b) sħubiji, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(b), magħrufa bħala "is-sħubiji ta' tagħlim Grundtvig", li jiffukaw fuq suġġetti ta' interess reċiproku għall-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem;

(c) proġetti multilaterali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), maħsuba biex itejbu s-sistemi ta' l-edukazzjoni ta' l-adulti bl-iżvilupp u t-trasferiment ta' l-innovazzjoni u l-prattika tajba;

(d) *networks* tematiċi ta' esperti u organizzazzjonijiet, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), magħrufa bħala 'in-*networks* Grundtvig, li jaħdmu l-aktar fuq:

   (i) l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni ta' l-adulti fid-dixxiplina, il-qasam tas-suġġett jew l-aspett tat-tmexxija li għandhom x'jaqsmu miegħu;

   (ii) l-identifikazzjoni u t-tixrid tal-prattika tajba u l-innovazzjoni li jkunu rilevanti;

   (iii) li jingħata kontenut ta' appoġġ għal proġetti u sħubiji mwaqqfa minn oħrajn u li jkun iħaffef l-interattività bejn dawn il-proġetti u sħubiji;

   (iv) li jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp ta' l-analiżi u l-assikurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni ta' l-adulti.

(e) inizjattivi oħrajn maħsuba biex imexxu 'l quddiem l-għanijiet tal-programm Grundtvig, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(g) ("Il-Miżuri Mehmuża").

2. Id-dettalji tat-tħaddim ta' dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2).

*Artikolu 35*

**l-Estimi**

Mhux inqas minn 60% ta' l-estimi disponibbli tal-programm Grundtvig għandhom jingħataw għall-appoġġ għall-mobbiltà u s-sħubiji msemmija fl-Artikolu 34(1)(a) u (b).

*Artikolu 36*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Grundtvig dwar il-materji li ġejjin għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' tmexxija msemmija fl-Artikolu 10(2).

   (a) il-pjan ta' xogħol ta' kull sena;

   (b) l-estimi ta' kull sena u l-firxa tal-fondi bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm Grundtvig;

   (c) il-linjigwidi ġenerali għall-implimentazzjoni tal-programm Grundtvig, il-kriterji ta' l-għażla u l-proċeduri;

   (d) il-firxa tal-fondi fost l-Istati Membri għall-azzjonijiet li għandhom jitmexxew bil-"proċedura ta' l-aġenzija Nazzjonali" stabbilita fl-Anness;

   (e) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-programm u għat-tixrid u t-trasferiment tar-riżultati.

2. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Grundtvig dwar il-materji kollha għajr dawk speċifikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10(3).

## Kapitolu V

## Il-Programm trasversali

*Artikolu 37*

### L-Għanijiet tat-tħaddim

Barra l-għanijiet ġenerali tal-Programm Integrat stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2, l-għanijiet tat-tħaddim tal-programm trasversali għandhom ikunu:

(a) li jkun appoġġjat l-iżvilupp tal-politika fuq livell Ewropew fit-tagħlim ta' tul il-ħajja, l-aktar fil-kuntest tal-proċessi ta' Lisbona, Bolonja u Copenhagen u tas-suċċessuri tagħhom;

(b) li jiżgura provvista adekwata ta' data, statistiċi u stħarriġ kumparabbli biex jissaħħaħ l-iżvilupp tal-politika tat-tagħlim ta' tul il-ħajja;

(c) li jkun immonitorjat il-progress lejn l-għanijiet u l-miri fit-tagħlim ta' tul il-ħajja, u li jiġu identifikati oqsma għal attenzjoni speċjali;

(d) li jitmexxa 'l quddiem it-tagħlim tal-lingwi u li tkun appoġġjata d-diversità lingwistika fl-Istati Membri;

(e) li jkun appoġġjat l-iżvilupp ta' kontenut ġdid ibbażat fuq l-ICT, servizzi, pedagoġiji u prattika għat-tagħlim ta' tul il-ħajja;

(f) li jiżgura li r-riżultati tal-Programm Integrat ikunu magħrufa kif xieraq, murija u implimentati fuq skala wiesgħa.

*Artikolu 38*

### L-Azzjonijiet

1. L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu appoġġjati taħt il-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(2)(a):

(a) mobbiltà individiwali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a), inklużi żjajjar ta' studju għall-esperti u l-uffiċjali maħtura minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, għad-diretturi ta' l-edukazzjoni u stabbilimenti ta' taħriġ u servizzi ta' gwida, u għall-imsieħba soċjali;

(b) proġetti multilaterali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), maħsuba biex iħejju u jippruvaw proposti ta' politika li jkunu ġew żviluppati fuq livell ta' Komunità;

(c) *networks* ta' kooperazzjoni multilaterali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), ta' esperti u/jew istituzzjonijiet li jkunu jaħdmu flimkien fuq punti ta' politika. Dawn in-*networks* jistgħu jinkludu:

(i) *networks* tematiċi fuq suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-kontenut tat-tagħlim ta' tul il-ħajja jew mal-metodoloġiji u l-politika tat-tagħlim ta' tul il-ħajja. Dawn in-*networks* jistgħu josservaw, jagħmlu bdil ta', jidentifikaw u jistħarrġu prattika tajba u innovazzjoni, kif ukoll jagħmlu proposti biex isir użu aħjar u usa' ta' dawn il-prattiċi fl-Istati Membri;

(ii) konferenzi permanenti fuq punti ta' politika, maħsuba biex il-politika fuq punti strateġiċi marbuta mat-tagħlim ta' tul il-ħajja tkun ikkoordinata fuq livell Ewropew;

(d) osservazzjoni u analiżi tal-politika u s-sistemi fil-qasam tat-tagħlim ta' tul il-ħajja, kif hemm isemmi fl-Artikolu 5(1)(f), li jistgħu jinkludu:

(i) studji u riċerka kumparattiva;

(ii) l-iżvilupp ta' indikaturi u stħarriġ statistiku, inkluż appoġġ għax-xogħol li jkun twettaq fil-qasam tat-tagħlim ta' tul il-ħajja flimkien ma' l-Eurostat;

(iii) appoġġ għat-tħaddim tan-*network* Eurydice u l-iffinanzjar tat-Taqsima Ewropea ta' l-Eurydice imwaqqfa mill-Kummissjoni;

(e) azzjoni biex ikunu appoġġjati t-trasparenza u l-għarfien tal-kwalifiki u l-ħiliet inklużi dawk li jkunu nkisbu b'tagħlim non-formali jew informali, it-tagħrif u l-gwida fuq il-mobbiltà għal skopijiet ta' tagħlim, kif ukoll il-kooperazzjoni fl-assikurazzjonui tal-kwalità, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(f), li tista' tinkludi:

(i) *networks* ta' organizzazzjonijiet li jħaffu l-mobbiltà u l-għarfien, bħalma huma l-Ewrogwida u ċ-Ċentri Nazzjonali ta' Tagħrif fuq l-Għarfien Akkademiku (NARICs);

(ii) appoġġ għal servizzi transnazzjonali bbażati fuq l-*internet* bħalma hu l-Ploteus;

(iii) ħidmiet taħt l-inizjattiva Europass skond id-Deċiżjoni XXX tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li tadotta qafas wieħed għat-trasparenza tal-kwalifiki u l-ħiliet.

(f) inizjattivi oħrajn kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(g) ("Il-Miżuri Mehmuża") maħsuba biex imexxu 'l quddiem l-għanijiet tal-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(2)(a).

2. L-azzjonijiet strateġiċi li ġejjin, imfassla biex jindirizzaw it-tagħlim u l-ħtiġiet tat-tagħlim f'aktar minn stadju tal-ħajja wieħed, jistgħu jkunu appoġġjati taħt il-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(2)(b):

(a) proġetti multilaterali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), maħsuba, *inter alia*, biex:

(i) jiżviluppaw materjali ġodda għat-tagħlim tal-lingwi, inklużi korsijiet fuq l-*internet*, u strumenti għall-ittestjar tal-lingwi;

(ii) jiżviluppaw għodod u korsijiet għall-għalliema biex dawn jitħarrġu fil-lingwi;

(b) *networks* kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), fil-qasam tat-tagħlim tal-lingwi u diversità lingwistika;

(c) inizjattivi oħrajn skond l-għanijiet tal-Programm Integrat, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(g), inklużi ħidmiet biex it-tagħlim tal-lingwi isir aktar attraenti għal min irid jitgħallem b'mezzi ta' mass media u/jew bis-sengħa tas-suq, kampanji ta' pubbliċità u tagħrif, kif ukoll konferenzi, studji u indikaturi statistiċi fil-qasam tat-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika.

3. L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu appoġġjati taħt il-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(2)(c):

(a) proġetti multilaterali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), maħsuba għall-iżvilupp u l-firxa ta' metodi, kontenut, serizzi u ambjenti ġodda;

(b) *networks* kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), maħsuba għall-qsim u l-bdil ta' għerf, esperjenzi u prattika tajba;

(c) azzjoni oħra maħsuba għat-titjib fil-politika tat-tagħlim ta' tul il-ħajja, kif deskritt fl-Artikolu 5(1)(f), li tista' tinkludi mekkaniżmi għall-valutazzjoni, l-osservazzjoni, it-twaqqif ta' livelli, titjib tal-kwalità u l-analiżi tax-xejriet dwar it-teknoloġija u l-pedagoġija.

4. L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu appoġġjati taħt il-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(2)(d):

(a) proġetti unilaterali u nazzjonali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(d);

(b) proġetti multilaterali, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), maħsuba *inter alia* biex:

(i) jappoġġjaw l-użu u l-implimentazzjoni ta' prodotti u proċessi ġodda;

(ii) jistimulaw il-kooperazzjoni bejn proġetti li jkunu jaħdmu fl-istess qasam;

(iii) jiżviluppaw prattika tajba dwar it-tixrid tal-metodi;

(c) it-twaqqif ta' materjal ta' referenza kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(f), li jista'jinkludi l-ġbir ta' data statistika li tkun rilevanti u studji fil-qasam tat-tixrid, l-użu tar-riżultati u l-bdil ta' prattika tajba.

*Artikolu 39*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm trasversali li għandhom x'jaqsmu mal-materji li ġejjin għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura tat-tmexxija msemmija fl-Artikolu 10(2):

(a) il-pjan ta’ xogħol ta’ kull sena, u l-kriterji ta’ l-għażla u l-proċeduri;

(b) l-estimi ta’ kull sena u l-firxa tal-fondi bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm trasversali;

(c) il-linjigwidi għall-implimentazzjoni tal-programm trasversali u l-ħidmiet ewlenin tiegħu;

(d) il-firxa tal-fondi fost l-Istati Membri għall-azzjonijiet li għandhom jitmexxew bil-“proċedura ta’ l-aġenzija Nazzjonali” stabbilita fl-Anness;

(e) l-arranġamenti għall-monitorġġ u l-valutazzjoni tal-programm u għat-tixrid u t-trasferiment tar-riżultati.

2. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm trasversali dwar il-materji kollha għajr dawk speċifikati fil-pargrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10(3).

## Kapitolu VI

## Il-Programm Jean Monnet

*Artikolu 40*

**L-Aċċess għall-programm Jean Monnet**

Fil-qafas tal-Programm Integrat u l-Anness, il-programm Jean Monnet huwa maħsub għal:

(a) studenti u riċerkaturi fil-qasam ta' l-integrazzjoni Ewropea fl-għamliet kollha ta' l-edukazzjoni ogħla (ISCED livelli 5 u 6) fi u barra l-Komunità;

(b) istituzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla fi u barra l-Komunità;

(c) għalliema u ħaddiema ta' l-amministrazzjoni f'dawk l-organizzazzjonijiet;

(d) għaqdiet u r-rappreżentanti ta' dawk involuti fl-edukazzjoni u t-taħriġ fi u barra l-Komunità;

(e) organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li huma responsabbli mit-twassil ta' edukazzjoni u taħriġ fuq livelli lokali u reġjonali;

(f) ċentri ta' riċerka u entitajiet ikkonċernati ma' suġġetti dwar l-integrazzjoni Ewropea fi u barra l-Komunità.

*Artikolu 41*

**L-Għanijiet tat-tħaddim**

Barra l-għanijiet ġenerali tal-Programm Integrat stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2, l-għanijiet tat-tħaddim tal-programm Jean Monnet għandhom ikunu:

(a) li jistimulaw eċċellenza fit-tagħlim, ir-riċerka u r-riflessjoni fi studji dwar l-integrazzjoni Ewropea li jkunu segwiti f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla fi u barra l-Komunità;

(b) li jissaħħu l-għerf u l-għarfien fost akkademiċi speċjalizzati u fost iċ-ċittadini Ewropej, l-aktar fuq suġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-integrazzjoni Ewropea;

(c) li jkunu appoġġjati istituzzjonijiet Ewropej ewlenin li huma kkonċernati ma' suġġetti fuq l-integrazzjoni Ewropea;

(d) li tkun appoġġjata l-preżenza ta' għaqdiet Ewropej ta' kwalità għolja li jkunu jaħdmu fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ.

*Artikolu 42*

**L-Azzjonijiet**

1. L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu appoġġjati taħt il-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(3)(a):

(a) proġetti unilaterali u nazzjonali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(d), li jistgħu jinkludu:

(i) is-Siġġijiet Jean Monnet, ċentri ta' eċċellenza u korsijiet ta' tagħlim;

(ii) għaqdiet ta' professuri, għalliema oħrajn f'edukazzjoni ogħla, u riċerkaturi li jispeċjalizzaw fl-integrazzjoni Ewropea;

(iii) appoġġ għal riċerkaturi żgħażagħ li jkunu qed jispeċjalizzaw fi studji dwar l-integrazzjoni Ewropea;

(iv) tagħrif u ħidmiet ta' riċerka dwar il-Komunità bil-ħsieb li titmexxa 'l quddiem id-diskussjoni, ir-riflessjoni u l-għerf dwar il-proċessi ta' l-integrazzjoni Ewropea;

(b) proġetti u *networks* multilaterali, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(e), li jistgħu jinkludu appoġġ għat-twaqqif ta' gruppi ta' riċerka multilaterali fil-qasam ta' l-integrazzjoni Ewropea.

2. Għajnuniet oħrajn kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(g) biex ikunu appoġġjati ċerti spejjeż operazzjonali u amministrattivi ta' l-istituzzjonijiet li ġejjin, u li dawn ikunu qed jissuktaw għan ta' interess Ewropew, jistgħu jingħataw taħt il-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(3)(b):

(a) il-Kulleġġ ta' l-Ewropa (il-kampus ta' Bruges u dak ta' Natolin)

(b) l-Istitut Universitarju Ewropew, Firenze;

(c) l-Istitiut Ewropew ta' l-Amministrazzjoni Pubblika, Maastricht;

(d) l-Akkademja tal-Liġi Ewropea, Trier.

3. Taħt il-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(3)(c), l-għajnuniet ta' ħidma kif hemm imsemmi fl-Artikolu 5(1)(g) jistgħu jingħataw biex ikunu appoġġjati ċerti spejjeż operazzjonali u amministrattivi ta' l-istituzzjonijiet jew għaqdiet Ewropej li jkunu jaħdmu fil-qasam ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ.

4. L-għajnuniet jistgħu jingħataw fuq bażi annwali jew fuq bażi li tiġġedded f'qafas ta' ftehim ta' sħubija mal-Kummissjoni.

*Artikolu 43*

**L-Estimi**

Mhux inqas minn 28% ta' l-estimi disponibbli għall-programm Jean Monnet għandhom jingħataw biex jappoġġjaw il-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(3)(a), mhix inqas minn 44% għall-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(3)(b), u mhux inqas minn 18% għall-ħidma ewlenija msemmija fl-Artikolu 2(3)(c).

*Artikolu 44*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm Jean Monnet dwar il-materji li ġejjin għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' tmexxija msemmija fl-Artikolu 10(2):

   (a) il-pjan ta' xogħol ta' kull sena, u l-kriterji ta' l-għażla u l-proċeduri;

   (b) l-estimi ta' kull sena u l-firxa tal-fondi bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm Jean Monnet;

   (c) il-linjigwidi għall-implimentazzjoni tal-programm Jean Monnet u l-ħidmiet ewlenin tiegħu;

   (d) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-programm u għat-tixrid u t-trasferiment tar-riżultati.

